

# Leħen il-Punent

Diċembru 2018 - Nru. 28




A BOV contactless card gives you all the convenience of a regular credit or debit card, but also enables swift processing for low value transactions. Simply tap your contactless card and the transaction will be processed in seconds.

*Terms and Conditions are available from www.bov.com or contact 2131 2020*

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap.370. of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta





# Leħen il-Punent

ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA

Diċembru 2018 • Nru 28

Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viżtazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 2156 0556 • Email: gharb.lc@gov.mt
Facebook: Gharb Local Council

• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Carmen Vella |
| Kunsilliera: | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Skrivana / Librara: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |
| | Elizabeth Camilleri |

Kull korrispondenza għandha tintbgħat lil-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali l-Għarb



**Ritratt tal-Qoxra:** Monument f'ġieħ il-vittmi tat-tieni gwerra dinjija li ġie inawgurat nhar il-Ħadd 25 ta' Novembru, 2018

• Grazzi lill-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għall-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000

## *F'din il-Ħarġa*

4. Messaġġ mis-Sindku
6. Mill-Pinna tal-Kunsilliera
8. Messaġġ mill-Arċipriet
9. Messaġġ mill-Għaqdiet tal-Lokalita'
12. Kulleġġ t'Għawdex – Skola Primarja Għarb
13. Proġetti u Inizjattivi 2018
17. Rokna Saħħa
18. Il-Gwerra u l-Għarb
26. Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb
27. Children's Corner
28. Riċetti
29. Mid-Djarju tal-Kunsill 2018
34. L-Estimi Finanzjarji



# *Messaġġ mis-Sindku*



david.apap@gov.mt
79492667

Għeżież residenti u ħbieb,

Intemmet sena oħra, sena impenjattiva ħafna. Kienet sena mimlija emozzjonijiet imħallta, sena fejn ma naqsux il-problemi però kienet mimlija b'ħidma u proġetti, kisbiet u mumenti sbieħ ta' ċelebrazzjonijiet u ferħ.

Ninsabu wkoll fi tmiem is-seba' leġislatura u fl-anniversarju tal-25 sena mit-twelid ta' l-istess Kunsill Lokali llum imsejha Gvern Lokali. Il-ħidma tal-Kunsilli Lokali llum m'għadhiex bħal ta' 25 sena ilu meta bdew il-Kunsilli Lokali u kollox kien jgħaddi. Maż-żmien evolvew ir-responsabilitajiet żdiedu l-volum ta' rapporti kiber u l-liġijiet saru aktar stretti. Il-laqgħat saru aktar numerużi u x-xogħol jokkupa l-ħin il-ġimgħa kollha. Ma' dan ma jonqsux il-laqgħat magħkom li dejjem żammejthom bla ħin.

Tul l-eżistenza tal-Kunsilli Lokali wieħed ma jistax ma jinnotax il-qabża fil-kwalità tal-ħajja, taż-żamma pubblika, ħarsien tal-ambjent, servizzi offruti, proġetti ta' tisbieħ, safar u ħarġiet kulturali u l-okkażjonijiet kulturali li rnexxielna noħolqu flimkien.

Dan kollu kien possibbli għax ma waqafniex noħolmu. Ħlomna u wettaqna flimkien. Il-ħafna xewqat li l-Għarb inpoġġuh l-ewwel fost it-68 lokalità f'Malta u Għawdex kienet possibli grazzi għas-sapport kontinwu tagħkom, għall-abilità fit-tmexxija u l-għaqda li dejjem kienet il-pulmun tal-ħidma tagħna.

Il-ħidma tagħna ma tiqafx hawn għax minkejja kull progress nemmen li baqa' x'isir u flimkien nistgħu naslu aktar.

Kif ħabbart f'Jum l-Għarb ser inkunu qed nikkonsultaw magħkom ħalli jsir eżerċizzju sabiex ikunu magħrufa l-ħtiġijiet u x-xewqat tagħkom ir-residenti. Dan kollu ser nagħmluh sabiex fil-pjan li qed jitfassal għall-ħames snin li ġejjin, ikunu introdotti u indirizzati wkoll l-oġġettivi li joħorġu mill-istħarriġ. Irridu naraw li gradwalment nindirizzaw l-bżonnijiet tal-lokalità tagħna kollha u li l-ġid ikompli jinfirex mal-erbat irjieħ tal-lokalità tagħna.

Mhux ser nidħol fid-dettal tal-ħidma li wettaqna għax dan ser taqrawh fil-paġni ta' dan il-magażin aktar 'il quddiem.

Nistqarr li ma nieqaf qatt naħdem għall-għaqda fostna u dan kultant iġib miegħu sagrifiċċji però jiswa ħafna aktar minn kull proġett fiżiku. Bil-perseveranza u bla ma naqta' qalbi nibqa nemmen li l-għaqda għandha dejjem tkun il-punt ta' tluq. Mitt bniedem mitt fehma jgħid il-qawl Malti u allura jrridu nifmhu u nfittxu lil xulxin u ngħinu lil xulxin. Nistgħu ma naqblux imma nistgħu nibqgħu ħbieb, għandna dritt niddiskutu l-argumenti però ejja nkunu maturi u ma nużawx mibgħeda u mmexxu xnihat mhux veri. Jien pożittiv li jekk irridu naslu, naslu flimkien. Irrid ngħid grazzi lil min qed jagħti sehem sħiħ sabiex din l-għaqda ssaltan fostna lkoll.

F'dan il-messaġġ irrid inrodd ħajr u ngħidilkom "grazzi mill-qalb" filwaqt li nħossni grat li minkejja l-limitazzjonijiet tiegħi dejjem kont ta' servizz u fuq kollox rappreżentant denju tagħkom ilkoll. Niskuża ruħi ma' min inqastu, skużawni, jien bniedem bħalkom u nizbalja bhal kulħadd. Fuq kollox iridkom tkunu ċerti li l-intenzjoni tiegħi dejjem kienet u ser tibqa' il-ġid komuni tagħkom ilkoll ir-residenti bla ebda destinzjoni u tal-lokalita' kollha.

Grazzi lilkom li għażiltuni u tajtuni l-appoġġ kontinwu; nispera li kont kapaċi nirrikambja bil-ħidma tieghi. Grazzi ta' meta ftaħtu qalbkom bl-uġigħ u t-tbatija tal-ħajja u meta smajtuni u fhimtuni inthom ukoll. Magħkom tgħallimt u ppruvajt nifhem u nirrispetta l-opinjoni u l-weġgħat. Fil-mumenti sbieħ grazzi li fraħna flimkien, iċċelebrajna flimkien u ħadna pjaċir flimkien bla ma weġġajna jew inqasna lil ħadd.

Dan kollu jaspirana sabiex inħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu.

Jiena u l-familja, sħabi Kunsilliera u l-istaff nawguraw ġid u hena f'din is-sena li għadna kemm bdejna, sena li fiha ser ikollna wkoll elezzjoni biex flimkien nagħżlu lil min ser jirrappreżentana.

L-għażla tagħkom hija sovrana, il-poplu dejjem għandu raġun. Il-poplu dejjem għażel nies li jixirqulu jirrappreżentawh.

Nawgura il-ħidma tajba u t-tajjeb li wettaqna flimkiem ma tiqafx hawn imma titkattar.

Tislijiet

*Dear residents and friends,*

*Another year has just ended, albeit a very busy one. It was a year full of mixed emotions, a year during which difficulties arose. However it was a year of projects, successes and beautiful moments full of joy and celebration.*

*This is the end of the seventh legislature and we celebrate the 25th anniversary of our local council, now renamed the Local Government. The work of the Local Council today is different from that of 25 years ago when the local councils were launched. Time evolves and responsibilities are on the increase. The number of reports that have to be written has also increased together with newer and stricter laws. The meetings have also become*

*more numerous and the work takes more time. We have also kept the meetings with the general public going.*

*One notices also the fact that we have really moved forward when it comes to quality of life, public order, the protection of the environment, the quality and quantity of services offered, the projects of embellishment as well as the cultural activities both those on a local level and aboard. Cultural activities have been on the increase.*

*This was able to take place because of the fact that we have never stopped dreaming. Dreams come true where there is solidarity. We have managed to put Għarb as the first among the 68 localities of Malta and Gozo and this was possible due to your collective effort and the admirable abilities of those who lead. Unity is the secret of our work.*

*Our work does not stop even though progress has been made. There is still a lot to be done.*

*As I announced on Jum l-Għarb, we will be consulting with you in order to work out the needs and priorities of our residents. This will take place on a plan that will unfold over the five coming years. We will address those objectives that will emerge out of our survey. We want to address all the localities of our area so that the entire locality enjoys the privileges of having such a council.*

*I will not enter into detail over here because you will be able to read about all of this in the magazine.*

*I confess that I never cease to work in favour of unity within our locality. This brings about various sacrifices which go beyond any physical project that we plan. Perseverance will prove my point. As we say in our own Maltese language, 'a hundred persons mean a hundred different opinions'. We really need to work together in harmony even where we do not entirely agree.*

*Even where we do not agree on some point, that does not mean that we are rivals. Maturity will lead the way. Suspicions and hearsay have never helped to promote solidarity. I have a positive feeling that together, we will succeed. Thanks to all those who work in favour of this sense of unity.*

*I also would like to thank from the bottom of my heart all those who work together with the council. Thank you for accepting my limitations and I assure that I will continue to be of service to one and all. I ask for forgiveness from those to whom I may have shown any lack of respect. I solemnly assure you that the search for the common good will always be my first and highest aim; the common good of all the residents without distinction.*

*Thanks also to those who chose me for my role and showed their constant support. I hope I have risen to the occasion. Thank you for those occasions when we felt hurt or experienced difficult moments and stood for each other. I have learned how to listen to all of you and respect the different opinions and aspirations. Thank you for the moments of happiness that we experienced together and for those occasions of celebration where we stood together in unison.*

*We shall look forward with a sense of optimism. I, together with my family, and my companions in the Council and Staff, wish a happy new year to one and all, and I wish that this year will prepare us for the election that will decide who will represent us.*

*Your choice is sovereign. As we say, vox popoli, vox Dei. So it is in a democracy and the people will choose those who are worthy to represent them.*

*I wish all the best to everybody; may the good work that we have begun, continue to flourish in the near future.*

*Regards!*

***Is-Sindku David Apap Agius,***
***Viċi Sindku, Kunsilliera,***
***Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ***
***s-Sena t-Tajba lil kulħadd***

***The Mayor David Apap Agius,***
***Deputy Mayor, Councillors, Executive Secretary***
***and staff would***
***like to wish everyone***
***a happy New Year***



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera



Is-sena 2018 kważi waslet fi tmiemha u qegħdin fuq l-għatba ta' sena ġdida. Il-Kunsill Lokali kellu sena npenjattiva ħafna b'attivitajiet soċjali u kulturali favur ir-residenti tagħna. Ħafna kienu dawk li kellhom ix-xorti wkoll li jsiefru lejn il-pajjiżi li kellna ġemellaġġi magħhom. Imma l-aktar attivitajiet kbar li kellna kienu dawk tal-'International Kite and Wind Festival', 'Make Music Great', il-Monument ta' Żmien il-Gwerra f'Santu Pietru, l-Opera 'Qasba Żejt' u dan l-aħħar il-ktieb, 'A History of Gharb'. Dawn huma ftit milli jwettaq il-Kunsill Lokali, għax bħalma tafu l-Kunsill iqassam kull xahar il-leaflet 'Il-Pjazza' bl-attivitajiet li jkunu se jsiru matul dak ix-xahar biex hekk inżommu ħajja il-lokalita' tagħna. Importanti li nattendu u nieħdu sehem fihom, għax ħafna minnhom jirrikjedu ħafna ħsieb, uġigħ ta' ras, xogħol, ħin u anke flus. U minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Segretarja Eżekuttiva u l-istaff kollu tal-Kunsill tal-ħidma li jwettqu biex l-attivitajiet jirnexxu. Fostna rajna anke ħafna barranin li kienu għall-vaganza u oħrajn li ġew apposta għall-attivatajiet li organizzajna u dan jawgura l-lokalita' tagħna destinazzjoni turistika. Il-membri tal-Kunsill flimkien mas-Sindku se nkomplu naħdmu u naraw x'inhu l-aħjar li jsir fil-lokalita' tagħna tal-Għarb. Nixtieq nawgura s-Sena Ġdida mimlija paċi, hena u saħħa lir-residenti kollha u anke dawk barranin li hawn fostna.

**Carmena Vella**, Viċi-Sindku

---



Hekk kif qed nikteb dan il-messaġġ għal din is-sena qed nirrealizza li dan hu l-għaxar messaġġ tiegħi għal Leħen il-Punent. Kien ta' unur għalija nservi matul dan iż-żmien.

Il-Kunsill Lokali tagħna ħadem kif ukoll daħal għal bosta sfidi li kienu ta' eżempju u ta'ispirazzjoni għall-irħula oħra. Konna minn ta'quddiem fil-qasam kulturali fejn għamilna unur għal raħalna u għal pajjiżna kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Bħala infrastruttura qed naspiraw illi t-toroq tal-lokal tagħna jkunu ta' kwalità tajba sa tmiem din il-leġislatura. Nafu u epserjenzajna personalment l-inkonvenjenti moħluqa minħabba xogħlijiet li jkunu għaddejjin u nammetti li bosta kienu d-drabi li ħassejtni skomdu nitkellem ma residenti tagħna fuq is-sitwazzjonijiet li kienu spiċċaw fihom ċertu toroq u d-dewmien żejjed li għaddejna minnu. Sfortunatament il-Kunsill mhux dejjem ikellu kontroll fuq kollox. Meta tkun tirrikjedi l-intervent ta' entitajiiet u dipartimenti wieħed bilfors jistenna li jkun hemm dewmien. Dan minħabba diskussjonijiet u deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn li jittieħdu, fejn jitwal iż-żmien ta' stennija u ta'inkonvenjenza. Għal daqstant minn hawn nirringrazzja kemm lill-awtoritajiet tal-għajnuna kontinwa tagħhom kif ukoll napprezza l-komprensjoni tagħkhom.

**Inħarsu l-quddiem b'entusjażmu.**

Wasalna għal tmiem ta' leġislatura oħra fejn bħala Kunsillier naspira illi x-xogħol siewi li sar jitkompla kif ukoll nibqgħu għaddejjin f'din it-triq ta' ħidma. Il-proġett azzjoni kif ukoll pjanijiet li diġa tfasslu jiġu mwettqa. Nieħu per eżempju l-pjan fit-tul ta' ċerta proġetti li l-applikazzjonijiet tagħhom diġa qegħdin fi stadju avvanzat eżempju bħal "Communal Pool" u ż-żona tal-"Adventure Park". Is-sotto missjonijiet ta' proġetti ffinanzjati minn l-Unjoni Ewropea li minnhom stajna norganizzaw id-diversi attivitajiet kemm internazzjonalment kif ukoll lokalment.

**Il-kritika**

Tajjeb li wieħed jikritika għax b'hekk nuru fejn ma naqblux f'dak li qed isir madwarna. Li ma naqbilx hi ma

kritika distruttiva li intenzjonalment ma tkun tagħmel xejn ħlief twassal nofs veritajiet u misinformazzjoni minn min jagħmilha, dan sabiex jasal għal skopijiet ulterjuri minn dawk li jkun qed jipprova jagħti x'jifhem!

Fuq nota pożittiva nixtieq nispiċċa dan il-messaġġ tiegħi b'ringrazzjament speċjali lill-ħaddiema ħabrika tal-Kunsill lokali tagħna. Li dawn b'riżorsi u ħin limitat ħafna jirnexxielhom iwettqu xogħol siewi u effettiv għall-komunita' tagħna. Nirringrazzja wkoll lis-Sindku u lil sħabi Kunsilliera li flimkien ħdimna u ddiskutejna sabiex jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess tar-raħal u r-residenti kollha.

Nota ta' ringrazzjament tmur ukoll għad-diversi kumitati u għaqdiet fir-raħal tagħna, li b'kollaborazzjoni magħhom il-Kunsill ħadem sabiex itellgħu diversi attivitajjiet. Kif ukoll għax-xogħol siewi li jsir fuq bażi volontarja għal żmien il-festi kemm reliġjużi u dawk esterni.

Filwaqt li nirringrazjakom tal-ħin tagħkom biex taqraw il-messaġġ tiegħi nagħlaq billi nwassal l-Awgurju tiegħi u tal-familja lilkom il-qarrejja għal dan iż-żmien ta' festi u nawguralkom sena mimlija ġid.

*"To all foreigners residing in our village - I would firstly like to wish you all the very best during the festive season. As residents, for sure you have your own queries and concerns. It's in everybody's interest that you feel welcome in our community. So if you feel the need to raise an issue which you feel requires our attention, please do contact us. I take this opportunity to wish you a Happy New Year".*

*Tislijiet,*

**Emanuel, Samantha, Samuel u Ema**

---



Dear Residents of Għarb

Another 12 months have passed since you last read this column. Where does the time go?

The Mayor and Councilors have worked to ensure that the village looks and works well. Roads have been maintained and are now just awaiting the final tarmacadam layer. This was just in time for me as I was on crutches for 1 month!!

The Kite festival was a huge success, with people taking part from around the world. It was a successful collaboration between the Council and the Committee for the Feast of St. Dimitri. The evening meal was particularly nice, with good food, wine, friends and a fine children's choir!

Għarb Car Free Day was yet another success to promote education regarding environment issues. Something for everyone to enjoy and in doing so heighten awareness.

The Mayor, yet again worked tirelessly for the village, even putting Għarb on the world stage! Għarb representing Malta in Spain, Brussels and even as far away as Mexico…wow! Not bad for a village in Gozo!

The new recycling bins are being issued to those that wish to recycle. I would like to encourage all of you to make a New Year's Resolution and RECYCLE as much as you can. Our environment is very fragile and we must do something so that our grandchildren have a world in which we would like them to inherit.

It only remains to wish you a Happy New Year to you and your families.

**Shirley-anne Cecchini**

---



Għeziez residenti,

Sena oħra tgerbet qisa ħolma u Milied ieħor qiegħed wara l-bieb. Kellna sena impenjattiva mimlija attivitajiet kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar tagħna. Fost dawn l-attivitajiet kien hemm 'The International Kind and Wind Festival' fil-limiti ta' San Dimitri. Din kienet attivita' ħelwa għat-tfal tagħna. Saret ukoll it-tieni edizzjoni tal-festival 'Make Music Great' fejn ingħaqdu flimkien diversi baned minn lokalitajiet differenti kemm minn Għawdex, minn Malta u anke baned internazzjonali.

Għas-sena l-ġdida, minn naħa tiegħi, sejjer inkompli naħdem bis-sħiħ sabiex isiru l-mogħdijiet kollha li għadhom ma' sarux, fosthom dawk ta' Wied il-Mielaħ li tgħati għall-inħawi tal-Fanal ta' Ġordan. Sejjer inkompli naħdem sabiex fil-lokalita' titkompla tinżamm l-indafa u ta' dan qiegħed nirringrazzja lilkom ir-residenti tal-Għarb talli tikkoperaw u żżommu raħal twelidna nadif.

Minn hawn, nibgħat lilkom kollha r-residenti tal-Għarb, l-awgurji tiegħi għas-sena ġdida. I send my best wishes to all foreigners who have made Gharb their home town.

**Anthony Camilleri,** Kunsillier.



**Mill-Arċipriet Trevor Sultana**

# Messaġġ

Il-Festi tal-Milied u l-bidu ta’ Sena Ġdida qed ngħixuhom f’kuntest partikulari, almenu fid-dinja tad-Djoċesi ta’ Għawdex u l-parroċċi fi ħdanha, għax qegħdin fis-Sena Marjana, mnedija minn Mons Isqof Mario Grech fil-festa ta’ Kristu Re, f’Novembru li għadda. Ir-raġuni għal din is-sena Marjana hija li l-inkwatru tal-Assunta li jinsab fis-Santwarju tal-Madonna Ta’ Pinu jaqgħlaq erba’ mitt sena minn meta ġie mpitter mill-artist Amadeo Perugino fl-1619. Ċertament dan hu anniversarju importanti għad-Djoċesijiet ta’ Malta u Għawdex meta wieħed iqis id-devozzjoni li tgawdi din ix-xbieha anke ’l barra minn xtutna.

Iżda jekk din l-okkażjoni qed tiġi mfakkra mill-ġżejjer Maltin, kemm iktar għandna għax infakkruha b’għożża aħna n-nies tal-Għarb! Dan l-inwkatru huwa patrimonju artistiku tar-raħal tagħna, iżda iktar minn hekk huwa espressjoni ta’ fidi, devozzjoni u mħabba li dan ir-raħal kellu sa mill-antik lejn il-Verġni Omm Alla Marija. Din id-devozzjoni kompliet issaħħet permezz tat-twaqqif tal-parroċċa fl-1679, 340 sena ilu, iddedikata liż-Żjara ta’ Marija lil Eliżabetta u anke permezz tal-Inkurunazzjoni tal-Inkwatru Titulari tal-Bażilika tal-Għarb nhar il-25 ta’ Lulju 1979, 40 sena ilu. Dawn il-ġrajjiet kollha jagħmlu mir-raħal tal-Għarb raħal Marjan.

Għalhekk ippermettuli li l-awgurju tiegħi din is-sena jkun marbut mal-figura ta’ Ommna Marija. Ejjew nistħajjlu lil Marija, Omm Ġesù fil-għar ta’ Betlehem, ftit mumenti wara li welldet lil Binha. Ejjew nistħajjluha tħares lejna u tgħidilna dik il-kelma li semgħet Karmni Grima mix-xbieha ta’ Marija f’Ta’ Pinu – EJJA!

- Ejja sa ħdejna f’din il-grotta għax dan Ġesù twieled għalik – li kieku kont teżisti int biss fuq din l-art, kien jiġi wkoll għalik
- Ejja int li tħossok midneb għax dan Ibni twieled biex jagħti l-maħfra lil kull min jixtieqha
- Ejja int li tibki u tolfoq f’dan il-wied tad-dmugħ u ara f’Ġesù lil Alla li sar bniedem bħalek biex jibki bħalek u jibki miegħek
- Ejja int li int għajjien mill-ħajja u strieħ għall-kenn ta’ din il-grotta quddiem dak li qal: “Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jien nserraħkom”
- Ejja int li l-mibegħda u r-rabja kilitlek qalbek u ara f’dan Ġesù Alla li ma jużax forza, huwa bħal “dik in-nagħġa f’id min iġiżżha – ma jiftaħx fommu”
- Ejja int li qed tfittex bil-ħerqa esperjenza ta’ Alla u ara f’dan Ibni kemm Alla tbaxxa u ċċekken biex inti tkun tista’ tilħqu.

Jalla f’din is-sena Marjana nagħmlu din l-esperjenza sabiħa li mmorru għand Marija li qed tistenniena. Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali ta’ din l-opportunità biex inwassal dan il-messaġġ u wkoll tal-kollaborazzjoni bejnietna.

Awguri għal Sena mimlija barka!




# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'*



**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Leġjun ta' Marija*



Għal darba oħra l-Leġjun ta' Marija fir-raħal tal-Għarb qiegħed jixtieq is-Sena t-Tajba lil kulħadd, speċjalment lill-qarrejja ta' 'Leħen il-Punent'.

Sena wara l-oħra ħafna jagħtu dawn ix-xewqat tajba lil ta' madwarhom. W'hekk hu ħafif ħafna li l-kliem li ngħidu lil xulxin isir kliem ta' rutina u forsi jitlef, xi ftit jew wisq, il-vera tifsira tiegħu.

Jista' jkun hemm x'uħud li s-sena l-oħra qraw il-messaġġ li soltu nwasslu f'dawn il-jiem iżda li din is-sena mhux se jaqrawh għax mietu. Dawn issa jafu r-raġuni vera għaliex kull sena nixtiequ il-Milied it-Tajjeb lil xulxin. Issa dawn qegħdin jaraw wiċċ imb'wiċċ lil Ġesu', il-KELMA T'ALLA LI SARET BNIEDEM.

Din hi t-tifsira vera tal-Milied. Huwa xieraq li nifirħu b'xulxin u li nżejnu t-toroq u d-djar tagħna f'dawn il-jiem. Iżda tajjeb ma ninsewx li r-raġuni vera ta' dan kollu hi li l-Iben t'Alla sar Bniedem bħalna biex jifdina. Daqshekk kienet kbira l-imħabba t'Alla lejn il-bnedmin dak in-nhar li twieled tarbija f'Betlehem. W'illum l-imħabba t'Alla lejn il-bnedmin għadha kbira daqs dak in-nhar. Xi drabi nistgħu narawha ftit stramba li Alla jħobbna, speċjalment meta nkunu għaddejjin minn xi salib jew nisimgħu b'xi traġedja kbira kemm fil-gżejjer tagħna kif ukoll f'pajjiżi barranin. Iżda l-fidi tagħna tagħtina l-qawwa li nemmnu li Alla jibqa' iħobbna, jiġri x'jiġri u tkun xi tkun is-sitwazzjoni tagħna.

Il-Leġjun ta' Marija jixtieq is-Sena t-Tajba lin-nies kollha tal-Għarb u lil dawk kollha li, min għal ftit jiem u min għal żmien itwal, jogħoġobhom jiġu joqogħodu f'dan ir-raħal żgħir tagħna.

## *Azzjoni Kattolika*

Qegħdin noqorbu lejn tmiem ta' sena oħra. Sena mimlija ħidma u attivita' b'riżq il-parroċċa tagħna. Meta wieħed iħares lura u jaħseb ftit jgħid min jaf kemm membri minn dan ir-raħal żgħir taw min ħinhom siegħat ta' volontarjat? Min ħafna u min ftit. Nafu li hawn min jagħti minn ħinu kuljum u li kieku ma kinux huma ċerti affarijiet ma jsirux. Ħafna drabi dawn neħduhom 'for granted'.

Kull sena tispiċċa b'festa sabiħa. Il-festa tal-Milied. Festa li tgħaqqad il-familja kollha. Festa ta' rigali u ferħ għall-familja kollha. Festa li nfakkru t-twelid ta' Ġesu' Bambin. U wara li ngħaddu l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena nerġgħu nibdew sena oħra ta' ħidma. Ejjew ma naqtgħux qalbna mill-isfidi li niltaqgħu magħhom... Ħafna drabi naħsbu li dak li nagħmlu nagħmluh għalxejn. Ejjew inħallu lil Ġesu' jitwieled fil-qalb tagħna u b'Ġesu' magħna nibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħna.

F'isem l-Azzjoni Kattolika nibgħat l-isbaħ xewqat lill-komunita' kollha tal-Għarb.

## *Għaqda tan-nar 31 ta' Mejju* AD2013



Għeżież qarrejja ta' dan il-fuljett, huwa ta' pjaċir għalina li qed niktbu l-messaġġ u l-awgurju tagħna f'dan iż-żmien partikulari, għalina, l-ewwel darba fl-istorja ta' l-għaqda taghna. Dan ser jawgura tajjeb biex aħna ma nibqgħux inħossuna esklużi min dak kollu li jorganizza l-gvern lokali ta' raħalna. Ta' dan kollu nissuspettaw li r-ringrazzjament tagħna għandu jmur lis-Sindku David Apap.

Aħna bħala nies li naħdmu n-nar nagħmlu s-sitt xhur ta' wara l-festa nitkellmu fuq li għadda min għalina fil-festa u allura nkunu qed ngħixu fl-eku ta' dak li nkunu għamilna aħna u x'ħin jiskorru l-ewwel sitt xhur nibdew innaqsu l-ġranet waħda waħda sa ma naslu għal dik il-ġimgħa li fiha ninħallu bix-xogħol u nimtlew bis-sidisfazzjon, f'kelma waħda dik il- ġimgħa maġika, il-ġimgħa tal-festa. Pero' l-preparamenti la jistennew l-ewwel sitt xhur u l-anqas it-tieni. Il-preparamenti tagħna jinfirxu fuq tnax il-xahar u allura tagħmilna l-aktar għaqda li tiltaqa matul is-sena, kuljum! U mingħajr kworum xorta ssir il-laqgħa tagħna ma' xulxin. Nistgħu ngħidulkom li għall-festa li jmiss in-nar li ser nagħmlu aħna kollu twieled fil-forma inizjali tiegħu u jekk il-bambin irid sa Lulju jkunu kbar u lest ħalli nimlew is-sema sajfi.

Irridu ngħidu wkoll li għal din is-sena ser jkollna żewġ persuni oħra liċenzjati biex jassistu fil-manifattura bil-liċenzja B. Dawn għadhom kemm temmew kors ta' tmint ijiem organizzat mill-gvern jonqos biss li jagħmlu l-ezami bil-miktub meta jkunu mgħajta. Dan għalina jfisser il-futur, futur li aħna tant nixtieqU li jinbidel għall-aħjar u li għalih tant stinkajna. Nemmnu li nistgħu naslu. Bħal ma' nbidel l-atteġjament lejna minn ċertu nies nemmnu li jistgħu jinbiddlu ħafna aktar affarijiet b'mod pożittiv għar-raħal tagħna u għall-festa.

Nixtiequ nawguraw sena ġdida mimlija risq u saħħa.

## *Għarb Rangers F.C.*

**Susan Zammit - Segretarja**

Għeżież qarrejja,

Għal sena oħra ġejna mogħtija spazju f'dan il-fuljett biex nwasslu l-messaġġ tagħna.

Bħala għaqda tal-futbol, il-kumitat jemmen ħafna fl-importanza tal-isport speċjalment ġewwa r-raħal tagħna. Wieħed għandu jżomm l-isport bħala parti fundamentali fil-ħajja tiegħu ta' kuljum u dan għandu jibda minn eta' żgħira.

Filfatt, Għarb Rangers huma kuntenti mmens bin-numru tat-tfal li qed jattendu n-nursery. Huwa mportanti ħafna li t-tfal tagħna nrawmuhom f'ambjent sportiv. Ta' min isemmi li din is-sena kellna żewġ żagħżagħ mir-raħal li għamlu debut tagħhom mat-tim tal-Għarb Rangers FC li huma Mario Thewma u Clive Rotin. Huwa ta' unur li għandna żgħażagħ lesti li jilgħabu bil-qalb għat-tim ta' raħal twelidhom.

Madanakollu l-faċilitajiet li għandna ma jintużawx għal skop ta' futbol biss pero huma miftuħa għal kull tip ta' attivita sportiva oħra. Ta' min isemmi li diġa kellna Soft Ball Tournament u ammont kbir ta' logħob tal-futbol mit-tfal żgħar ta' irħula oħra. Il-grawnd u l-faċilitajiet li għandna ġewwa l-Għarb huma l-għira ta' gżiritna.

Intant filwaqt li nirringrazzja lis-Sindku u Kunsill Lokali tal-għajnuna kontinwa lejn il-Klabb tagħna, f'isem il-kumitat nixtieq nawgura s-sena ġdida mimlija ferħ, saħħa u suċċessi.

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

**Adrian Formosa** – Segretarju

### ĦMISTAX -IL SENA ANNIVERSARJU



Għeżież qarrejja,

Għal darb'oħra qed inkun mistieden biex f'isem l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni nħarbex erba' versi għal fuq il-fuljett "Leħen il-Punent". L-għaqda tagħna din is-sena kellha programm mimli daqs bajda; l-aktar minħabba li din is-sena kien il-ħmistax –il anniversarju mit-twaqqif tagħha. Din is-sena kienet is-sena fejn lestejna l-proġett ewlieni tagħna; il-Każin tal-Banda li ngħata l-isem ta' "Palazzin Ain Karim".

F'dan il-palazzin, apparti s-sede tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u l-każin tal-Banda, hemm ukoll in-*night shelter* "Tal-Virtut" illi issa tlesta wkoll mix-xogħlijiet kollha u jista' jibda jintuża. Dan għandu jgħaddi għand l-Gvern fiż-żmien li ġej biex ikun jista' jibda jitħaddem u jintuża mill-anzjani tagħna. Il-Palazzin Ain Karim għandu wkoll bottegin bl-isem ta' "Il-Kunvent", flimkien ma' żewg swali sbieħ u mdaqqsa li ser ikunu qed jintużaw għal użu ġenerali.

L-għaqda tagħna hi qabel kollox għaqda mużikali; għaqda li hi mwaqqfa primarjament biex tieħu sehem attiv fil-festa tal-patruna tagħna l-Madonna tal-Viżitazzjoni. Barra minn hekk, l-Għaqda Mużikali hi katalista fejn jidħol l-aspett kulturali f'dan ir-raħal tagħna.

Il-Banda Viżitazzjoni tkun hemm tista' tgħid f'kull okkażjoni li jkun hemm fir-raħal tal-Għarb. Dan b'sagrifiċċju kbir mill-bandisti tagħna u bi spiża għall-Għaqda li tkun trid tħallas bandisti barranin biex is-servizz ikun jista'

jingħata kif suppost.

Matul din is-sena wkoll issokta t-tagħlim tal-mużika fil-każin. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Surmast u lill-Assistent tiegħu li ħadmu b'mod dedikat ħafna biex it-tagħlim seta' kien ta' livell. Fil-fatt, uħud mill-istudenti tagħna kienu ppreparati biżżejjed biex jersqu għall-eżamijiet.

Issa li l-proġett tal-bini wasal fi tmiemu, il-kumitat ser jiffoka propju fuq it-tagħlim u għalhekk, matul din is-sena mbarkajna fuq proġett bl-isem 'Music Change Life' mill-iskema "VOPS 2018". Dan kien proġett li sar bi sħab mal-Banda Sant'Anna ta' Marsaskala. F'dan il-proġett saret analiżi fil-fond ta' kif qed isir it-tagħlim tal-mużika u t-taħriġ fuq l-istrumenti mużikali. Fl-aħħar saru xi rakkomandazzjonijiet u ser inkunu qed inwettquhom fil-futur qarib. Din l-analiżi saret mis-Sur Victor Galea li għandu esperjenza vasta fuq tagħlim li mhuwiex *mainstream* bħalma hi l-mużika.

Proġett ieħor li sar din is-sena jġib l-isem ta' "Cross Fertilisation" li sar bi sħab mal-Banda Mount Carmel tal-Gżira. Hawn il-bandisti tagħna kellhom l-opportunità li jitħalltu ma' bandisti oħrajn u flimkien jitgħallmu minn xulxin. Għal dan il-proġett nirringrazzja lis-Surmast George Debono li kien l-ewwel surmast tal-banda tagħna, talli mexxa dan il-proġett u involviena fih.

L-ispazju huwa limitat u ma nistax inkompli nikteb. Għalhekk, ser nagħlaq dan il-messaġġ billi rrodd ħajr lill-membri, il-bandisti, il-volontiera u l-benefatturi tal-għaqda tagħna. F'isem l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni, nawgura lil kulħadd is-sena t-tajba.

## *Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni*

**Leonard Spiteri** – Segretarju

Taret kważi sena oħra u qegħdin fuq l-għatba ta' sena ġdida oħra mimlija ħidma b'risq il-festa għażiża ta' raħalna. Meta nkun qed nikteb dal-messaġġ ta' kull sena, jkun fadal biss sitt xhur għall-festa titulari tagħna. Dan ser ikun l-ewwel messaġġ tiegħi f'isem il-kumitat minn wara l-festa li għaddiet. Il-kelma li kienet fuq fomm kulħadd fil-ġimgħa ta' wara il-festa kienet, 'x'festa kellna!'. Dan kollu seħħ frott il-ħidma li ma' taqta xejn mill-membri tal-kumitat f'kull qasam, sewwa armar, sewwa nar, preparazzjoni għall-briju, banda, infiorata u organizzazjoni tal-festa u mill-*helpers* kollha li jgħinu fl-attivitajiet kollha li ntellgħu matul is-sena. Ħaġa oħra li għenet f'dan ir-rigward kien it-temp sabiħ li kellna fil-ġimgħa tal-festa, li ppermettilna noħorġu l-armar sabiħ kollu biex insebbħu raħalna.

Fil-marċijiet ta' matul il-ġimgħa morna sew ħafna u fl-ikla tradizzjonali kien hemm attendenza numeruża li mliet il-pjazzetta ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokjali daqs bajda. Din is-sena ż-żgħażagħ ħadu ħsieb il-*feature* wara d-dimostrazzjoni tal-Ġimgħa, li t-tema kienet fuq diversi anniversarji marbutin ma' raħalna u fuq il-ħidma volontarja b'risq il-festa, segwit minn ħruq ta' nar minn fuq il-bjut mill-Għaqda tan-nar. Dan il-*feature* li ttella' bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali l-Għarb, kien imfaħħar minn bosta u nwegħdukom li ser ikun fil-programm tal-festa tas-sena d-dieħla. Kif stajtu taraw ukoll fil-ġimgħa tal-festa, tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett tal-planċier. Bħalissa għaddejja ħidma kbira biex sal-festa li ġejja jkun lest u jkun jista' jitgawda minn dawk kollha li jżuruna fil-ġimgħa tal-festa. Il-membri tal-armar qed jaħdmu wkoll fuq sett pedestalli ġodda minnflok dawk li hemm maz-zuntier peress li qegħdin fi stat ħażin ħafna. Biex tagħmel dawn it-tip ta' proġetti tirrikjedi ħafna flus biex ikun jista' jinxtara l-materjal. Rigward nar, nistgħu ngħidu li konna tajjeb, dan għaliex il-membri tal-Għaqda tan-nar ħadmu l-maġġoranza tan-nar huma peress li ġew aċċettati biex jaħdmu fil-kumpless tan-nar Qalb ta' Ġesu ġewwa l-Għarb.

Illum biex torganizza festa xierqa trid ħafna ħidma li ħafna drabi ma tkunx tidher u anke finanzi. Għall-grazzja t'Alla dawn qatt ma waqfu fir-raħal tagħna għax nafu li lkoll kemm aħna għandna l-patruni u l-festa għall-qalbna. Kif dejjem ngħid f'kull messaġġ li nikteb, jekk tkunu tridu tagħtu xi parir jew inkella tgħinu f'xi proġett kellmu lil xi membru tal-fiduċja tagħkom. Il-bieb huwa miftuħ għall-kulħadd!

Rigward attivitajiet nista' ngħid li kull attivita li nagħmlu tkun suċċess. Inħeġġeg lil dawk li qatt ma attendew biex jibdew jattendu, għax filwaqt li tieklu ikel bnin tkunu qegħdin tgħinuna finanzjarjament. Rigward l-fiera ta' San Dimitri li saret f'Ottubru li għadda, nista' ngħid li kienet suċċess kbir wara li ħdimna id f'id mall-Kunsill Lokali Għarb. Inħarsu 'l quddiem għall-aktar ħidma flimkien b'risq il-festa u b'risq raħalna.

Nagħlaq dan id-daqsxejn ta' messaġġ billi nawgura s-sena ġdida mimlija paċi, għaqda u mħabba.

# Kulleġġ t'Għawdex Skola Primarja Għarb

Għaddiet sena oħra u erġajt b'sodisfazzjon ilqajt l-istedina tal-Kunsill Lokali biex ngħaddi l-messaġġ tiegħi f'dan il-fuljett. Kienet sena mimlija daqs bajda li fiha flimkien bħala team ħdimna, fraħna u tgħallimna. Is-sena l-oħra, propju waqt 'Open Day' nidejna logo ġdid għall-iskola tagħna -'***Like stars together we shine'.*** Aħna nemmnu bi sħiħ f'dan il-logo magħżul u kif jgħid il-logo - flimkien nistgħu naslu biex inwettqu l-ħolm tagħna u nilħqu miri li b'mod individwali jkunu kwazi mpossibli. L-istilel tagħna huma l-istudenti u l-istaff kollu tal-iskola.

L-għan ewlieni tagħna hu l-interess sħiħ ta' kull student/a. Għalina l-interess ta' kull tifel u tifla huwa mportanti ħafna u flimkien – SMT, għalliema, KGEs u LSEs flimkien ma' staff ieħor li jaħdem fl-iskola tagħna-naħdmu biex nipprovdu l-aqwa u l-aħjar tagħlim għal kulħadd. Nieħu dan l-ispunt biex nirringrazzja lill-istaff kollu tal-iskola tagħna, lill-ġenituri li flimkien mal-komunita' kollha tal-Għarb naħdmu flimkien għall-ġid ta' kull student u studenta li għandna fl-iskola tagħna.

Jekk inħarsu ftit lura naraw li għal darba oħra mhux biss ħadna sehem fit-12th Mental Math International Championships imma ksibna riżultati mill-aqwa fejn l-istudenti tagħna kklassifikaw mal-aqwa studenti minn madwar id-dinja. Matthew Aquilina kklassifika fl-Ewwel post f'Category 2 minn fost 21,700 parteċipant u Julia Cini kklassifikat fir-Raba' post f'din l-istess kategorija. Gabriel Parnis ġie l-Ewwel f'Category 5 minn fost 44,870 parteċipant minn madwar id-dinja. Dan huwa unur mhux biss għall-iskola tal-Għarb imma għall-Kulleġġ t'Għawdex ukoll.

Ħadna sehem fil-proġett Leaf ***'Trees are us'*** fejn flimkien mall-Kunsill Lokali ġew imħawla siġar endemiċi fi Triq ta' Wied il-Mielaħ u kif ukoll saru bankijiet, bins tar-reċiklaġġ u siġra tal-możajk li saret mill-istudenti kollha tal-iskola. Qed ninvestu bi sħiħ b'ħafna rizorsi li jgħinu fit-tagħlim fosthom kotba, riżorsi tal-matematika u x-xjenza u kif ukoll diversi ħarġiet kulturali verament interessanti. Ma' dawn nixtieq inżid li sakemm tispiċċa s-sena skolastika 2018/2019 ser inkunu biddilna s-siġġijiet kollha tal-klassijiet mill-ewwel klassi sal-aħħar klassi. B'hekk l-istudenti kollha ser ikollhom siġġijiet aktar komdi u sbieħ. Din is-sena, għal darba oħra, bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali erġajna għamilna Kalendarju ieħor li ngħata lil kull familja.

F'isem l-School Management Team (SMT), l-istaff kollu u l-istudenti kollha nawguraw lill-kommunita' tal-Għarb, is-sena ġdida mimlija barkiet. Kif ukoll nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-kooperazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa li jagħti lill-iskola. Grazzi ta' kull għajnuna li hija verament apprezzata minna lkoll. Grazzi wkoll lill-Arċipriet tal-għajnuna kontinwa tiegħu. L-isbaħ awguri mill-qalb għal dawn iż-żminijiet ta' festi.

***Marthese Attard,*** *Head of School*
*Gozo College Għarb Primary*
*marthese.attard@ilearn.edu.mt*



# PROĠETTI U INIZJATTIVI - 2018

## GRUPP INFJORATURI GĦARB

Is-Sena 2018 kienet waħda impenjattiva ferm għall-grupp Infjoraturi Għarb. B'impenn kbir dan il-grupp irnexxielu jilqa' stedina minn erba' pajjiżi differenti sabiex itella' infjorata barra minn xtutna. Id-disinni ta' l-Infjorata ġew ikkrejati mis-Sur Michael Bajada.

L-ewwel stedina kienet bejn l-1 u 4 ta' Ġunju minn La Garriga, post li jinsab ġewwa Spanja. Dan il-kungress sar għall-festa tal-Corpus Domini.

It-tieni stedina kienet ukoll minn ġewwa Spanja pero' din id-darba mill-Belt ta' Madrid. Id-delegazzjoni mill-Għarb telgħet ġewwa Madrid fejn ikkrejat Infiorata oħra għall-kungress li sar bejn il-21 u 24 ta' Ġunju.

Opportunita' oħra li kellu dan il-grupp kienet f'Awissu fejn irrapreżenta mhux biss lill-Għarb imma lil Għawdex u Malta ġewwa l-qalba ta' l-Ewropa fi Brussels. Dan il-kungress sar bejn il-15 u 18 ta' Awissu fejn flimkien ma' Infjoraturi oħra madwar id-dinja ingħaqdu sabiex itellgħu disinn kbir fil-Pjazza Ewlenija. Hekk kif tlesta' dan id-disinn il-grupp ta' l-Għarb ġie mistieden biex itella' ukoll disinn tiegħu bit-tema' ta' l-Unesco fejn fih ġew rappreżentati s-swar taċ-Ċittadella.

L-ikbar sfida li kellu għal matul din is-sena kienet il-kungress ta' l-Infjorata ġewwa l-Messiku. Dan kien vjaġġ twil u impenjattiv pero' b'impenn irnexxielhom jattendu għalih is-Sindku David Apap u l-Kunsillier Emanuel Muscat. Hawnhekk ġie mtella' kwadru li jirrapreżenta lil pajjiżna li fih kien jinkludi Kavallier ta' Malta u s-Salib tal-Kavallieri.

Il-Kunsill jirringrazza lill-grupp kollu ta' l-Infjoraturi ta' l-impenn u dedikazzjoni tagħhom b'risq il-lokalita'.

## KORS U INFJORATA TAL-MELĦ

Wara s-suċċess miksub fl-2017, għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill reġa' organizza kors ta' taħrig fid-disinn tal-melħ. B'differenza mis-sena preċedenti l-istudenti kkrejaw disinn fi skala żgħira fuq frame ta' l-injam. Dawn id-disnni kienu kollha relatati mall-festi ta' l-Għid.

F'Ħadd il-Palm, kmieni filgħodu dawn l-istudenti flimkien ma' voluntiera u membri tal-Grupp Infjoraturi ltaqgħu flimkien fil-Pjazza taż-Żjara tal-Madonna sabiex minkejja t-temp b'xita u riħ qawwi dawn irnexxielhom xorta waħda jikkrejaw opra ta' arti f'nofs din il-Pjazza.

Illum il-ġurnata din l-Infjorata tal-Melħ saret parti mill-Kalendarju Kulturali tal-Kunsill fejn għadd ta' viżitaturi jagħżlu li jaslu sar-raħal tagħna għal din l-Infjorata.

Għal din is-sena fl-okkażjoni tal-attivita' organizzata b'kollaborazzjoni mall-Ministeru għal Għawdex itellgħet Infiorata tal-Melħ ġewwa l-Pjazza ta' l-Għarb bil-logo tal-Gozo Alive.

## PROĠETT – NETWORK OF TWINNED TOWNS 'SMALL TOWNS BIG RESULTS'

Dan Huwa Parti Mill-Proġett Tal-Ġemellaġġ
KUNSILL LOKALI TA L-GĦARB

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill ġie mogħti fondi ewropej taħt il-proġett Network of Twinned Towns bl-isem 'Small Towns Big Results'. F'dan il-proġett flimkien mall-Kunsill Lokali l-Għarb kien hemm bħala partners, il-Kunsill Lokali Għajnsielem, Kunsill Lokali ta' Tolfa, Kunsill ta' San Polo dei Cavallieri ġewwa l-Italja, Pecky minn Praga, Crnomelj minn Slovenia u Baiao minn Portugal.

L-ewwel skambju ta' dan il-proġett sar ġewwa San Polo dei Cavallieri u Tolfa bejn is-27 ta' April u l-1 ta' Mejju. Waqt dan l-iskambju saru workshops relatati mall-proġett u żjarat lill-postijiet ta' interess fl-inħawi. Il-grupp kellu wkoll l-opportunita' li jipparteċipa' għall-festa ta' Gerano fejn għall-okkażjoni ssir ukoll l-Infiorata.

Skambju ieħor li sar taħt dan il-proġett kien bejn il-21 u 25 ta' Awissu ġewwa Praga. Delegazzjoni mill-partners tal-proġett iltaqgħu ġewwa Praga fejn flimkien iddiskutew is-suġġetti relatati mall-proġett.

L-aħħar skambju barra minn xtutna sar ġewwa l-Portugal. Numru sabiħ ta' residenti kemm mill-Għarb kif ukoll minn Għajnsielem ingħaqdu flimkien mall-partners l-oħra sabiex jipparteċipaw għal dan l-iskambju. Din kienet żjara ferm interessati fejn fost oħrajn il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunita' li jżuru Fatima, Coimbra u Porto kif ukoll jitgħallmu l-kulturi differenti ta' dan il-post.

L-egħluq tal-proġett sar waqt il-Festival tal-Baned 'Make Music Great' ġewwa l-Għarb Għawdex. Il-partners kollha ltaqgħu ġewwa l-lokalita' tagħna fejn attendew għall-konferenza li saret ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali bil-membri kollha preżenti. Dawn urew l-apprezzament tagħhom għal dak kollu li sar waqt il-festival u hija x-xewqa tagħhom li jerġgħu jkunu parti minn Proġetti simili fil-futur. Waqt iż-żjara tagħhom huma ġew meħuda wkoll fil-postijiet ta' interess u attendew fil-festival tal-baned

## INTERNATIONAL KITE FESTIVAL

Bejn id-19 u 21 ta' Ottubru, l-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u b'fondi miksuba taħt skema kulturali mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali tella' l-'International Kite Festival' ġewwa l-lokalita' tagħna, l-Għarb. B'sodisfazzjoni kbira minkejja li din kienet l-ewwel edizzjoni ta' dan il-festival, dan kiseb suċċess

kbir. Numru kbir ta' viżitaturi kemm lokali kif ukoll barranin, kbar u żgħar attendew bi ħġarhom għal dan l-ispettaklu mill-isbaħ.

Il-festival ingħata bidu l-Ġimgħa l-filgħodu fejn saru workshops għat-tfal ta' l-iskejjel primarji. Dawn il-workshops ġew organizzati minn dilettanti tal-kites li ġew minn diversi pajjiżi differenti fejn kulħadd wera t-teknika tiegħu.

Il-Ġimgħa filgħaxija sar il-ftuħ uffiċċjali fejn telqet parata bil-parteċipazzjoni ta' l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni minn quddiem il-Kunsill sal-Pjazza taż-Żjara tal-Madonna fejn saret introduzzjoni ta' kull grupp li kienu ġejjin minn diversi pajjiżi madwar id-dinja fosthom l-Italja, Ġermanja, Ingilterra, Spanja, Vietnam, Ġappun, Argentina, Svizzera, Franza, Russja flimkien mad-dilettanti Maltin.

L-Għada s-Sibt, il-festival tkompla ġewwa ż-żona ta' San Dimitri fejn saru numru kbir ta' workshops għat-tfal u ttajru l-kites ta' kull tip. Iż-żona ta' San Dimitri inbidlet kompletament f'xenarju mill-isbaħ bi draguni, ħut, sħaħar u ħafna oħrajn b'kuluri differenti li sebħu s-sema. Dan it-tajr baqa' jittajjar sa bil-lejl.

Il-Ħadd kienet l-aħħar ġurnata tal-festival fejn komplew ittajru t-tajr filwaqt li l-Parroċċa organizzat ukoll il-Fiera ta' San Dimitri. Wara nofsinhar saret il-premjazzjoni lill-parteċipanti tal-kompetizzjoni tat-tajr mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku.

Din kienet l-ewwel esperjenza ta' festival ta' din ix-xorta mhux biss għal-lokalita' ta' l-Għarb imma għall-Gżira Għawdxija fejn inkiseb suċċess kbir u reġgħet nibtet in-ngħamra tat-tajr. Il-Kunsill jagħti appuntament għal sena oħra għat-tieni edizzjoni ta' dan il-festival u jemmen li żgur ser jikseb suċċess akbar.

## FESTIVAL MYTHS, FOLKLORE AND LEGENDS FESTIVAL - OPRA – QASBA ŻEJT

Visit Gozo www.visitgozo.com Malta Tourism Authority PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR LOCAL GOVERNMENT & COMMUNITIES MINISTRY FOR GOZO

Għall-ewwel darba ġewwa l-istorja tar-raħal tagħna u żgur li anke ġewwa l-Gżira Għawdixja l-Kunsill Lokali l-Għarb irnexxielu jtella' Opra fl-apert. Wara t-tnedija ta' dan il-proġett ambizjuż kien is-Sindku David Apap li wara snin ta' preparamenti x-xewqa tiegħu saret realta'. B'tant impenn u b'għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali li rrikonoxxa l-potenzjal wara dan il-proġett, il-Kunsill ingħaqqad ma' l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni sabiex din l-Opra setgħet issir realta'. B'mużika tas-Surmast Ray Sciberras u kitba tas-Sur Sebastian Saliba, din l-Opra ġabret fiha l-istorja ta' San Dimitri u ommu Żgugina.

Il-parti ta' San Dimitri ġiet interpretata minn Roger Tirazona filwaqt li l-parti ta' Żgugina kienet interpretata minn Georgina Gauci. Magħhom ingħaqdu kantanti u atturi oħra li flimkien tellgħu esebizzjoni mill-isbaħ. Ma nistgħux ma nsemmux lis-Surmast bravu ta' l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni Jason Camilleri li flimkien ma' mużiċisti oħra taw esebizzjoni live mill-aqwa. Dan kollu sar ġewwa l-pjazza prinċipali ta' l-Għarb, Pjazza taż-Żjara tal-Madonna liema pjazza ġiet mibdula b'teatru fl-apert.

Din l-opra kienet ta' suċċess liema bħala u ġabet magħha kliem ta' tfaħħir minn kull min attenda.

## MAKE MUSIC GREAT – TIENI EDIZZJONI

Visit Gozo www.visitgozo.com

Bejn l-24 u 25 ta' Novembru, ġie imtella' t-tieni edizzjonji tal-Festival tal-Baned bl-isem 'Make Music Great'. Waqt dan il-festival ipparteċipaw ukoll il-partners tal-Kunsill fil-proġett 'Network of Twinned Towns' bħala egħluq tal-proġett.

Il-festival ingħata bidu s-Sibt filgħaxija b'parata li telqet minn Triq il-Knisja lejn Pjazza taż-Żjara tal-Madonna fejn hemm saret esebizzjoni mill-gruppi fosthom l-Isbandieratori. Dan ġie segwit b'kunċert fil-Pjazza taż-Żjara tal-Madonna mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni, Banda Taljana u Banda Portugiża.

Il-Ħadd filgħodu dan il-festival ingħata bidu bl-inawgurazzjoni ta' monument ta' żmien il-Gwerra li tpoġġa fi Pjazza San Pietru. Dan il-monument ġie inawgurat mill-Onor. Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sindku David Apap, Viċi-Sindku u Kunsilliera. Waqt l-inawgurazzjoni sar diskors mis-Sur Charles Bezzina dwar il-vittmi tal-gwerra b'mod partikolari dwar żewġ vittmi mill-Għarb li mietu fit-tieni gwerra dinjija. Hekk kif intemmet l-inawgurazzjoni telqet parata magħmula minn tmien baned barranin, Maltin u Għawdxin kif ukoll diversi gruppi folkloristiċi u oħrajn magħhom. Dawn telgħu sal-Pjazza taż-Żjara tal-Madonna fejn hemmhekk taw esebizzjoni qasira u ġew ippreżentati tokens.

Dan il-festival kien ta' attrazzjoni u ħoloq atmosfera brijuża ġewwa l-lokalita' kollha.

## PROĠETT M4.3 – TOROQ ĠODDA

*Rural Development Programme for Malta 2014-2020*

Tender part financed by the European Union Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta

*The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas*

Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill irnexxielu jikseb fondi Rurali sabiex żewġ toroq mil-lokalita' jingħatalhom wiċċ ġdid bis-siment. It-toroq imsemmija huma t-triq li mill-Kappella ta' San Dimitri tgħaqqad għal Triq Trux. Din it-triq hija bżonnjuza mhux biss għall-bdiewa imma għal dawk kollha li jagħmlu mixjiet fil-kampanja. Apparti minn hekk din it-triq tintuża ukoll bħala by-pass għal meta jinzerta' li l-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba tkun magħluqa għat-traffiku.

Triq oħra li ser tinbeda fil-ġranet li ġejjin hija passaġġ li minn Triq Feliċ Grech iwasslek għal Sqaq ta' Pawluzzu





f'San Lawrenz. Dan ix-xogħol huwa mistenni li jitlesta' fi żmien qasir.

### PROĠETT M4.4 – BINI TA' ĦITAN TAS-SEJJIEĦ

*Rural Development Programme for Malta 2014-2020*

Tender part financed by the European Union Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta

*The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas*

B'addizzjoni mall-proġett taħt il-Miżura 4.4, il-Kunsill ġie mogħti fondi addizzjonali sabiex isir xogħol fuq ħitan tas-sejjieħ ġewwa toroq fil-parti rurali tar-raħal. Dawn ix-xogħolijiet li ser jibdew iktar tard din is-sena ser jaraw bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'Wied ir-Ragħab, Wied il-Knisja u Triq Neigu.

### BANDLI ĠODDA FI TRIQ BIRBUBA U TRIQ TUMAS CASSAR

F'dawn l-aħħar xhur il-Kunsill ħa l-inizjattiva li jagħmel





*upgrade* tal-Bandli li jinsabu fi Triq Birbuba u fi Triq Tumas Cassar. Il-bandli ġodda jinkludu fihom aktar tagħmir ta' logħob fejn jistgħu jiddevertu t-tfal. Il-Bandli ġew imqegħda fuq *safety tiles* u tapit tal-ħaxix fejn ikkreja ambjent aktar pjaċevoli u sabiħ.

### WIĊĊ ĠDID SQAQ MA' ĠENB IL-KAŻIN TAL-BANDA FI TRIQ IL-KNISJA



Matul l-2018, il-Kunsill bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex wettaq xogħolijiet fuq l-Isqaq li jinsab ma' ġenb il-Każin tal-Banda. Ix-xogħolijiet inkludew titjib fis-servizzi ta' l-isqaq u wiċċ ġdid tas-siment.

### XOGĦOLIJIET FIT-TOROQ

Xogħolijiet oħra fuq toroq li saru matul l-2018, kienu x-xogħolijiet fil-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba, Triq





San Dimitri u fuq Triq il-Madonna tal-Virtut.

Ix-xogħolijiet fi Triq Birbuba u San Dimitri inkludew irranġar ta' ħsarat fit-triq u wiċċ ġdid tat-tarmak filwaqt li dak ta' Triq Virtut inkludew xogħolijiet kemm fuq is-servizzi kif ukoll fuq il-*water culvert* li għaddej fit-triq. Wara li tlestew dawn ix-xogħolijiet ingħata l-ewwel *layer* ta' tarmak fuq din it-triq. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex ta' l-għajnuna finanzjarja sabiex setgħu isiru tali xogholijiet.








**Anybody interested in purchasing the book including the USB with interviews may contact the author himself or Gharb Local Council:**

***In Malta:*** Mob: 99490191, 99428804, 79440029; Tel: 21440029.
Email: samuel.formosa68@gmail.com, heliosmaria@hotmail.com, patrosrose@hotmail.com
***In Gozo:*** Tel : 21560556 / Mob: 99822805;
Email: gharb.lc@gov.mt



## ROKNA SAĦĦA



# Għoti tad-Demm għall-Festi tal-Milied

**Tony Micallef**, Practice Nurse – Donor Liaison

Ta' kull sena niċċelebraw il-Festi tal-Milied u sa mill-bidu ta' Diċembru xi ftit jew wisq kulħadd jibda jipprepara mill-aħjar li jista' biex sa fejn hu possibbli dan iż-żmien ikun differenti minn żminijiet oħra ta' matul is-sena għax miegħu iġib il-ferħ. Iżda dan mhux dejjem ikun il-każ.

Għas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm dan jaf ikun **żmien** ferm diffiċli, speċjalment jekk il-ħażna tad-demm fil-gżejjer tagħna tkun baxxa. B'rabta ma' dan tajjeb li l-pubbliku jkun konxju li fl-isptarijiet tal-gżejjer Maltin jintużaw madwar 50 borża demm kuljum u dan jekk ma jinqalgħux inċidenti gravi, għax fejn ikun hemm dawn it-tip ta' inċidenti mhux l-ewwel darba li l-korrut jieħu ammont sostanzjali ta' borża demm bi sforz kbir biex tiġi salvata ħajtu.

F'dan id-dawl, il-pubbliku qed jintalab biex l-ewwel nett ikun prudenti fejn jidħol l-alkoħol u l-użu tat-toroq tagħna, u dan jgħodd kemm għas-sewwieqa kif ukoll għal *pedestrians* ħalli jiġu evitati l-inċidenti. Ta' min jirrifletti li f'ħakka t'għajn tista' titħarbat ir-riserva li jkun hemm fil-Bank tad-Demm (anke tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex) partikolarment jekk fl-istess inċident, jew fl-istess jum iseħħu għadd ta' inċidenti fejn dawk involuti jkunu kollha tal-istess grupp tad-demm.

It-tieni nett il-pubbliku huwa mfakkar li festi jew mhux, dejjem ikun hawn għadd ta' pazjenti li jiġu operati, u oħrajn, fosthom tfal kif ukoll adulti, li jsofru minn mard kroniku tal-kanċer. Hawn tajjeb li wieħed jirrimarka li parti kbira mill-kura għal dawn il-pazjenti tikkonsisti fi trasfużjonijiet varji ta' prodotti tad-demm, fosthom il-konċentrat taċ-ċelloli l-ħomor, il-pjastrini, kif ukoll il-plażma li jiġu estratti minn demm, hekk imsejjaħ sħieħ. Dan jinġabar permezz ta' donazzjoni ta' demm minn nies voluntiera u ta' qalb tajba, imsejħa donaturi tad-demm.



Hekk kif qed insemmu d-donaturi tad-demm tajjeb li wieħed jeduka ftit ruħu u jkun jaf li meta dak li jkun jagħti d-demm ikun qed jagħti madwar nofs litru demm ġo borża t'apposta li wara tiġi pproċessata fil-laboratorju minnha jinħarġu t-tliet prodotti li diġa'semmejna.

Importanti li kull min jersaq biex jagħti d-demm, jiġi b'għan wieħed biss f'moħħu: dak li jgħin lill-pazjent. Huwa mportanti wkoll li kull darba li persuna tersaq biex tagħti d-demm dejjem trid turi l-Karta tal-Identità.

Kriterju mportanti fejn jidħol l-għoti tad-demm hi l-età. Wieħed jista' jagħti d-demm minn meta jagħlaq is-17 –il sena sa 62 sena (għal min ikun ser jagħti għall-ewwel darba). Min għandu 17 –il sena u taħt it-18 –il sena, jrid jimla' formola ta' kunsens iffirmata min għand wieħed mill-ġenituri. Waqt li min għandu minn 63 sa 67 sena jista' jagħti biss jekk ikun diġà beda jagħti sa qabel għalaq it-63 sena. F'dawn is-snin donatur jista' jagħti kull 3 xhur, iżda jekk bejn donazzjoni u oħra jaqbeż is-sena ma jibqax iktar eliġibbli biex jagħti d-demm.

Rigward il-frekwenza tal-għoti tad-demm, raġel jista' jagħti kull 3 xhur filwaqt li mara tkun tista' tagħti kull 4 xhur. Mal-menopawża, mara, jekk tkun ilha tal-inqas sena ma tarax il-*period*, tkun tista' tibda tagħti kull 3 xhur.

Importanti wkoll li wieħed ikun konxju li jeżistu raġunijiet li ma jħallux li dak li jkun jagħti demm, sew jekk ikunu ta' riskju għad-donatur (eż. il-livell ta' ħadid ma jkunx għoli biżżejjed), jew għax ikun ta' riskju għall-pazjent li jkun ħa jibbenefika mid-demm (eż. f'każ ta' infezzjoni fl-aħħar jiem, jew għax wieħed ikun qed jieħu xi mediċini partikulari). Punt ieħor ta' nteress hu li jekk mara tkun fuq il-*pill* jew *HRT* tkun tista' tagħti demm.

Intant, il-proċess fi ftit kliem isir hekk: wara li ssir ir-reġistrazzjoni, jitkejjel il-piż (piż minimu huwa ta' 50 kilo, fil-każ ta' nisa bejn il-50 u l-65 kilo, jittieħed ukoll it-tul biex jiġi kkalkulat il-volum tad-demm), titkejjel it-temperatura u jiġi kkalkulat il-haemoglobin (f'termini sempliċi ħadid fid-demm). Dan tal-aħħar jitkejjel minn qatra demm meħuda minn wieħed mis-swaba tal-id. Imbagħad wieħed jgħaddi għall-eżami mediku fejn jiġi

deċiż jekk wieħed jistax jagħti demm jew le.

Ġaladarba wieħed jgħaddi mill-eżami mediku, id-donatur jgħaddi biex jagħti d-demm fuq *coach* mill-aktar komdu u jiġi milqugħ b'akkoljenza mill-impjegati tas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm fi G'Manġa Malta u fil-Berġa tax-Xewkija, fi Triq tal-Ħamrija, maġenb l-Iskola Primarja tax-Xewkija, Għawdex.

Il-messaġġ tal-aħħar hu biex wieħed jagħti d-demm f'kull żmien tas-sena. Apparti hekk dan iż-żmien għandu jservi ta' opportunità biex wieħed juri solidarjetà permezz tal-għoti tad-demm ma' dawk li huma ferm 'l bogħod milli jiċċelebraw.

Il-Festi t-Tajba!





# Il-Gwerra u l-Għarb

**Professur Joseph Galea**

F'Ottubru ta' ħamsa u sebgħin sena ilu l-Poeta Ġorġ Pisani li kien id-direttur tal-Informazzjoni f'Għawdex għamel diskors fil-pjazza tal-Għarb biex iqawwi qalb in-nies li l-allejati kienu fuq ir-riħ u l-gwerra ma ddumx ma tintrebaħ. Dan kien jgħolli l-moral tan-nies li kienu ilhom isofru l-effetti tal-gwerra għal tlett snin u nofs minn mindu Benito Mussolini f'dikjarazzjoni li għamel minn Pjazza Venezja f'Ruma fl-10 ta' Ġunju 1940 daħħal lill-Italja fil-gwerra u b'hekk involva direttament lil Malta.

In-nannu Wiġi Galea missier ommi (tal-Bergħud) qalli li fil-bidu tal-gwerra kien mar Malta biex iħaffru u jibnu x-xelters. Jirrakonta li kien għen fit-tħaffir tax-Xelters tal-Imsida li għadhom jidhru fil-blat għoli fil-bidu ta' Triq Reġjonali. Fil-fatt nafu li 800 baqqunier Għawdxi kienu ġew ingaġġati biex iħaffru dawn ix-xeltrijiet f'Malta.[1]

Għalkemm ix-xeltrijiet f'Malta bdew jitħaffru kmieni fil-gwerra, dawk t'Għawdex ma nbdewx bis-serjeta qabel l-ewwel xhur tal-1914. Il-Perit tax-xogħoljiet publiċi f'Għawdex kien Ġużeppi Savona li kellu f'idejh it-tħaffir tax-xeltrijiet tar-Rabat, Xagħra, Xewkija, Sannat, Munxar, Kerċem, Xlendi, Għarb, San Lawrenz, Żebbuġ, Għasri u Marsalforn.[2] Ġew appuntati ukoll sopristanti tad-dipartiment tax-xogħolijiet f'kull raħal biex jiżguraw li x-xogħol isir sew. Is-sopristanti responsabli mit-tħaffir tax-xeltrijiet fl-Għarb kienu Anton Saliba, Ġużeppi Gauci u Toni Farrugia. Dawn kienu ukoll inkarigati mix-xogħol li sar f'San Lawrenz.[3] Fil-Figura 1 hemm il-lista tax-xeltrijiet li ħaffer il-gvern fl-Għarb u kemm ġew jiswew.[4] Kollha kellhom żewġ daħliet. Xi wħud ħaffru xeltrijiet privati (Figura 2). Ommi qaltli li n-nannu Wiġi (missierha) kien ħaffer kamra privata fix-xelter ta' Triq Molina qrib fejn kienu joqogħdu. Il-kamra kienet eżatt kif wieħed jinżel fix-xelter mid-daħla tal-lvant (quddiem id-dar ta' Karmni u Lizzja Galea) u kienet l-ewwel waħda fuq in-naħa tal-lemin kif tinżel. Kien hemm post għal żewġ brandiet forma ta' L. Fil-bieb in-nannu waħħal purtiera biex ikollhom iktar privatezza minħabba li kellu żewġ t'itfal bniet żgħar; ommi li f'1941 kellha 6 snin u z-zija li kellha 4 snin. Min kien irid jagħmel kamra privata fix-xelter kien irid iġib il-permess mill-Uffiċċju tal-Protezzjoni Ċivili. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-applikant mal-permess kien jingħata l-wisa', l-għoli u l-fond tal-kamra li jkun talab biex iħaffer fi żmien stipulat.[5] Il-bużnannu tiegħi (missier in-nannu Wiġi) u ħutu qatt ma niżlu jistkennu fix-xelter.

| Lokal tax-Xelter | Nefqa (Lira Sterlina) |
|---|---|
| Fgura | 462 |
| Triq il-Knisja | 505 |
| Triq il-Blata | 493 |
| Triq Molina | 353 |
| Triq Trux | 466 |
| Triq Birbuba | 367 |
| Triq San Mitri | 387 |
| Triq Santu Pietru | 524 |
| Pjazza tal-Knisja | 398 |
| Spejjeż oħra konnessi | 855 |
| Total | 4810 |

*Figura 1. It-Tħaffir tax-Xelters mil-Gvern fl-Għarb u l-Ispejjeż tagħhom[4]*



*Figura 2. Żewġ fetħiet ta xelter privat li jinsab fil-blat ftit l-isfel mil-knisja taż-Żejt.*



*Figura 3. Rapport fil Gazzetta Times tad-diskors tal-Ġeneral Dobbie fil 11 ta' Mejju 1940.*

Fl-ewwel ġimgħat wara l-ewwel ħbit, f'Għawdex tqassmu maskri tal-gass lil kull persuna. Inġabu 30,000 waħda minn Malta taħt id-direzzjoni tal-Ispettur Ġużeppi Borg[6]. Il-maskli tal-gass tqassmu lin-nies tal-Għarb u San Lawrenz mil-Iskola Primarja tal-Għarb fi Triq il-Knisja mid-29 sal-31 ta' Lulju 1940 mill-għalliema nisa tal-istess skola u mill-kuntistabblijiet speċjali.[7]

Il-korp tal-kuntistabblijiet speċjali twaqqaf fl-10 ta' Mejju 1940 mil-Aġent Gvernatur ta' Malta William Dobbie (Figura 3).[8] Dan kien korp ta' voluntiera bla ħlas li kien responsabbli minnhom il-Kummissarju tal-Pulizija taħt il-kmand ta supretendent u numru ta' uffiċċjali magħżula minnhom stess.[9] Huma kellhom l-inkarigu li jaraw li ma jibqa ħadd barra waqt ħbit u li n-nies tal-lokal tagħhom jobdu l-ordnijiet tal-blackout u tal-curfew.[10] Il-kuntistabblijiet speċjali tal-Għarb ġew appuntati fl-4 ta' Lulju 1940 u dawn kienu Ġużepp Mizzi (Nru. 1189), Ġużepp Formosa (1190), Franġisk Mizzi (1191), Franġisk Debrincat (1192), Duminku Formosa (1193), Neriku Cauchi (1197), Piju Spiteri (1198), Richard Buhagiar (1202), Ġorġ Cauchi (1206), Alexander Cauchi (1207) u Wiġi Portelli (1277). Anton Saliba (1293), Wenzu Cauchi (1994) u Ġużepp Grima (1998) ġew magħżula fit-12 ta' Settembru 1940[11] u l-Baruni Ġovanni Testaferrata (2336) li kien ħalla Raħal Ġdid u ġie bil-familja għar-refuġju fl-Għarb ġie appuntat fl-1 t'April 1941.[11]

L-Osservaturi jew Pulizija tax-Xtut t'Għawdex (Coast Police) intgħażlu fl-10 u fil-11 t'Awwissu 1940 biex minn 9 Postijiet t'Osservazzjoni speċifiċi fil-kosta t'Għawdex ikunu jistgħu jaraw hemmx attivitajiet tal-għadu.[12] Post numru 3 kien dak tat-Torri tad-Dwejra u kien hemm żewġ osservaturi: A. Azzopardi (RPC 92) u S Buttigieg (RPC 241).[13] Fil-25 ta' Marzu 1941 żdied il-Post ta Wied il-Mielaħ (Post 10) u żdiedu n-numru tal-pulizija għaliex ma kienux qed ilaħħqu mar-roster li kellhom u b'hekk f'kull post beda ikun hemm żewġ għassiesa f'kull ħin.[14] Bħal ma jidher fil-Figura 4 bosta pulizija kienu ingaġġati ġodda biex ibiddlu oħrajn u xi wħud ġew trasferiti minn post għal ieħor. Fis-27 ta' Marzu 1943, l-osservaturi tal-Post tad-Dwejra

raw Spitfire misjuq minn Flight Sergeant D. Stratford jipprova jillandja fuq il-blat tad-Dwejra fuq il-port iżda weħel f'tarf il blat. Il-pilota kiser saqajh u jdejh u ttieħed l-Isptar Victoria.[15]

| Torri Tad-Dwejra | 25 ta' Marzu 1941 | 17 ta' Mejju 1942 |
|---|---|---|
| | A. Azzopardi (92) | S. Cassar (055) |
| | J. Formosa (011) | C. Zahra (051) |
| | C. Vella (012) | G. Gatt (054) |
| | M.A. Apap (013) | G. Schembri (067) |
| | C. Borg (014) | C. Borg (014) |
| | P. Gatt (015) | P. Gatt (015) |
| **Wied il-Mielaħ** | V. Vella (016) | G. Attard (066) |
| | M. Cini (019) | M. Cini (019) |
| | G. Cini (017) | C. Vella (012 |
| | M. Zahra (018) | M.A. Apap (013) |
| | J. Agius (056) | A. Brincat (027) |
| | J. Tabone (020) | M.A. Mizzi (063) |

***Figura 4. Il-Pulizija tal-Kosta allokati fil-lokalitajiet tad-Dwejra u Wied il-Mielaħ.***

Matul il-gwerra infetħu Information Offices fir-Rabat u fl-irħula kollha t'Għawdex. Dak tal-Għarb infetaħ f'numru 69 Triq il-Knisja. [16] Dan l-Uffiċċju kien jinfetaħ sagħtejn kuljum fil-għaxija matul il-ġimgħa u sagħtejn filgħodu nhar ta' Ħadd u fil-festi. Fl-uffiċċju wieħed kien isib il-ġurnali, bulletini ta' propaganda u nformazzjoni oħra fuq il-gwerra.[17]

In-nannu Wiġi jirrakonta li meta sejħulu bil-lieva u kien sejjer jinkiteb mal-uffiċjali tal-militar ir-Rabat, kif wasal ħdejn in-niċċa ta' San Ġużepp f'tarf ir-Rabat, iltaqa' ma raġel li hu kienx jaf, jitfaċċa mit-trejqa li ttellgħek fuq ta' Gelmus u dan staqsieh fejn sejjer. In-nannu qallu li sejjer ir-Rabat għax sejjħulu biex imur suldat. Dan qallu "*Intom għandkom daqshekk raba jinħadem, jekk turihom il-kotba tar-raba ma jeħdukx suldat għax ikunu jriduk taħdem ir-raba biex ikun hawn il-prodott*." In-nannu jkompli li kif dar lura biex imur id-dar iġib il-kotba tar-raba, ma rax lir-raġel iżjed. Minħabba li kellhom ir-raba n-nannu ma ġiex ingaġġat suldat.

"*Fl-eqqel tal-Gwerra n-nies kienu mwerwra; kif jisimgħu s-sirena tal-air raid kienu jiġru għal ġox-xelter u meta jaqgħu l-bombi l-art kienet titriegħed. Kif jisimgħu s-sirena tal-air raid passed joħorġu mix-xelter…*" qalli Leli Galea, ir-raġel tazzija tiegħi (oħt ommi).

F'Lulju tal-1940 is-sinjal tal-ħbit mil-ajru fuq Għawdex kien jingħata permess ta' sparar ta' murtali fl-Imġarr, ir-Rabat u l-Għarb biss.[18] Dawn ma kienux jinstemgħu minn Għawdex kollu u f' Jannar 1941 ġabu żewġ sireni waħda għar-Rabat u l-oħra fl-Għarb.[19] Waqt li fir-Rabat kienu jisparaw il-murtali u jdoqqu s-sirena fl-Għarb kienu jdoqqu s-sirena biss u din mhux dejjem kienet tinstema' f'San Lawrenz għalkemm viċin.[20] Sa mil-1 ta' Ġunju 1940 is-sinjal tat-tmiem tal-ħbit (l-All Clear) kien jingħata permezz ta' daqq tal-qniepen tal-knejjes. Ħafna drabi n-nies kienu jindunaw li kien hemm ħbit x'ħin jisimgħu l-qniepen idoqqu l-All Clear.[21]

Leli Galea jiftakar li meta kienu jaqgħu l–bombi kien jiġri ma tfal oħra biex jaraw fejn ntefgħu.

Leli jiftakar li kien *'is-sajf filgħaxija xħin dalam, ma niftakarx il-ħin u l-ġurnata, konna barra ….. smajna ajruplan ġej u xi ħadd qal li kien Ingliż* għax kien fil-baxx. *U f'daqqa waħda bdew l-isplużżjonijiet; kien qegħed jiżra l-bombi. Waqgħu fuq id-dar ta' Dun Alwiġ (Mizzi) u taż-Żejt u fi Triq il-Blata fl-għalqa ta' Ġużepp Mercieca (tas-Sajf) bejn id-dar tal-Ġijja (Ġużepp Mizzi) u l-lokk ta' Firdillanzu. Dik mort naraha; kien hemm ħofra kbira fl-art.*

Dan ġara t-Tlieta 28 ta' Lulju 1942[22] għal ħabta tal-għaxra u nofs ta' bil-lejl meta ajruplan Ġermaniż tefa' l-bombi tiegħu fuq l-Għarb; fuq Santu Pietru u l-knisja taż-Żejt u fl-għelieqi biswit Triq il-Blata. Waħda mil-bombi li waqgħu fuq Santu Pietru ġiet fuq karettun fi sqaq qrib il-Knisja taż-Żejt mat-telgħa tal-Kessa li ftit mumenti qabel kellu xi nies fuqu. L-istatwa tad-Duluri (Figura 5) li kien hemm f'nofs iċ-ċimetrju waqgħet u kissret qabar u l-bieb tal-kappella ġarrab ħafna ħsara. Iċ-ċimiterju kollu sofra ħafna ħsara. Il-ħajt tat-trumantana tal-knisja fuq in-naħa taċ-ċimiterju għadu sal-lum mimli toqob tax-xrapnel (Figuri 6 u 7) u z-zkuk tas-siġar tal-palm li kien hemm fiċ-ċimiterju kien għadhom kollha toqob sa meta nqalgħu biex jitkabbar iċ-ċimiterju. Bomba oħra ġarrfet id-djar bin-numri 19, 20 u 21 Triq Santu Pietru (Figura 8). Fid-dar numru 21, Kalanġ Mizzi ta' Brajġu, weġġa' gravi meta xriek waqa' fuqu. Ittieħed l-isptar ir-Rabat fejn miet fl-4 t' Awwissu minħabba l-ġrieħi li kien sofra.[23,24] Wenzu Mizzi (ta' Peppina) u martu Marija kienu fid-dar tagħhom numru 19 Triq Santu Pietru meta sar il-ħbit. Wenzu ħelisha ħafif iżda Marija baqgħet nieżla mit-tieni sular għall-maqjel u korriet, ittieħdet l-Isptar tar-Rabat u damet hemm 36 jum.[25] Dawn kienu omm u missier Dun Alwiġ Mizzi. Wenzu u Marija kienu jieħdu ħsieb il-knisja taż-Żejt. Djar oħra li ġarrbu ħsarat fi Triq Santu Pietru kienu dawk bin-numri 11, 12, 13, 18, 22, 23, 26, 62, 64, 71 u 72. Numru ta' bhejjem li kienu ġo dawn id-djar mietu mirduma.

*'Darba minnhom kont m'ommi u missieri fir-raba li kellna l-Wileġ' naqtgħu l-Ingliza'* jiftakar Leli*, 'u fis-sema naraw żewġ ajruplani jissaraw flimkien. Ommi qaltli biex nimtedd fl-art u għattitni bl-ingliza ħalli ma nkunx nidher u qaltli biex ma nitħarrikx.'*

Leli jgħid li '*Lill-knisja ta' Pinu kienu jiġu għaliha imma qatt ma laqtuha. Niftakar li* Żoża, oħt Riccardo Buhagiar



***Figura 5. Ix-Xbieha tad-Duluri fiċ-Ċimiterju taż-Żejt***



***Figura 6. Ħsara li għamel ix-xrapnel tal-bombi mal-ħajt tat-tramuntana tal-Knisja taż-Zejt.***



***Figura 7. Ritratt iktar fil-qrib biex turi l-ħsara li ġarrab il-ħajt.***

*(li kien is-Surmast tal-Iskola tal-Għarb) tgħid li ġurnata waħda* għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu *kienet tonxor il-ħwejjeġ fuq il-bejt tagħhom fi Triq il-Knisja u lemħet lill-ajruplan tal-għadu jitfa' l-bombi fuq il-Knisja ta' Pinu. Tkompli li kif kienu neżlin eżattament fuq il-knisja ġiet bħal żiffa riħ li mbuttathom* għal ġenb *u waqgħu ma ġenb il-knisja.* Leli Galea jirrakonta li l-bombi m'għamlux ħsara lill-bini tal-knisja iżda kissru l-ħġieġ ikkulurit tat-twieqi tagħha. Hu jistqarr li hu u tfal oħra bħalu kienu jmorru jiġbru biċċiet tal-ħġieġ ikkulurit mil-għelieqi ta' qrib il-knisja.



***Figura 8. Post mibni iktar modern (vleġġa) għax rega' inbena wara l-gwerra billi kien iġġarraf***

Skont id-dokumenti, fit-8 t'April 1942 waqgħet bomba ħdejn il-knisja ta' Pinu li kissret 28 tieqa mil-knisja u 9 mill-koppla.[26] Bombi fir-raba ta' ħdejn il-Knisja ta' Pinu waqgħu kemm il-darba iżda b'xorti kbira l-knisja qatt ma ntlaqtet.[27]

Fit-13 t'April 1942, ajruplan li għadda minn fuq l-għolja ta' Ġurdan tefa' bombi żgħar fuq Wied l-Għasri u Wied il-Mielaħ u dawn għamlu ħsara fir-raba u fil-ħitan tas-sejjiegħ.[28]

In-nannu tiegħi Wiġi qalli li meta l-bombi waqgħu fuq l-għelieqi li kellhom imsejjħa *'ta' Levigna'* (fix-Xgħajra) huwa kien ser imur iġib il-ħaxix għal bhejjem minn hemm iżda missieru kien qallu li la kien il-bnazzi aħjar imur iġib il-ħaxix mil-bogħod u jħalli tal-qrib għal meta jkun il-maltemp. Għalhekk mar fir-raba magħruf *'Tal-Foqra'* fit-triq li tieħu minn San Lawrenz għad-Dwejra fejn illum hemm iċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz. Meta l-bombi ntefgħu fuq *'ta' Levigna'* l-blast tagħhom kien tefa' l-Karmnu Galea (tal-Bergħud) li jiġi l-barba tan-nannu tiegħi) u lil Ġanna Cauchi (tas-Sold) li kienu iktar minn mitt metru l-bogħod għal ġol-għalqa t'isfel. Minn San Lawrenz in-nannu xħin ra d-duħħan tiela' mil-inħawi ta' fejn kien joqgħod għaġġel bla sabar lejn l-Għarb għax beża' li niesu kienu intraddmu. Kien jgħid li kieku ma semgħax minn missieru u mar *'ta' Levigna'* minnflok *'tal-Foqra'* kien jintlaqat mil-balal. Uffiċjalment inkiteb li fit-28 ta" Marzu 1942, għal ħabta tas-2.00pm, ajruplan tal-għadu tefa' tnax-il-bomba li splodew fl-għelieqi tax-Xagħjra, l-Għarb u korriet ħafif Ġanna Cauchi ta' 70 sena.[29] Leli Galea jiftakar ukoll dan il-ħbit. F' kliemu *'jien u Kelinu tagħna wara li daqqet is-sirena ġrejna lejn ix-Xelter ta' fuq il-Blata, li kien quddiem il-ħanut tal-mastrudaxxa ta' Neriku u kif nżilna fix-Xelter nisimgħu l-isplużżjonjiet tal-bombi. Kif appena daqqet l-all clear tlajna niġru u n-nies qalu li kienu ħabtu ta' Nikol (ta' Levigna) u aħna morna hemmhekk. Kien hemm ħafna ħofor. Kalanċ tas-Suf (Michelangelo Apap) li kien iservi bħala pulizija tax-xtut keċċiena għax qal li kien hemm bombi li kienu għadhom ma ħadux.'*

Ftit jiem qabel, bejn it-23 u s-26 ta' Marzu 1842, intefgħu bombi fuq ta' Dbieġi, ta' Ġurdan, u qrib il-Knisja taż-Żejt. Fil-ħbit tal-25 ta' Marzu l-bombi kissru 27 ħġieġa u xi ċaċċiżi tat-twieqi tal-iskola primarja tal-Għarb li kienet fi Triq il-Knisja tal-Għarb.[30]

Leli Galea jiftakar *'li kienet il-Lunzjata* (25 ta' Marzu) *fl-għasar, ħabta tat-tlieta u nofs, l-erbgħa ta' wara nofs inhar u jien kont tiela' l-knisja u xi 6 jew 7 ajruplani tefgħu l-bombi fil-Wied tal-Knisja fejn illum hemm il-grawnd tal-football. L-ajruplani kienu wiċċhom l'hawn, lejn l-Għarb u tfaċċaw minn mal-knisja fil-baxx. Kif tefgħu l-bombi ġiet xrapnel tiġri mat-triq u marret ħabtet mal-bieb ta' Frenċ ta' Kelmenta fejn riċentement kien joqgħodu Koli u Nina Portelli. Mort immissha b'idi u kienet taħraq ħafna; xwietni.'*

L-parti l-kbira tal-iskola tas-subien ittieħdet mis-suldati tal-Manchester Regiment fil-11 t'Awwissu 1941. Għalkemm is-suldati ħallew fil-31 ta' Mejju 1942 u l-lezzjonijiet ġew għan-normal l-għada stess, il-militar irrinunzja l-użu tagħha formalment fl-24 t'Awwissu tas-sena ta' wara. Fis-6 ta' Frar 1942, kamra kbira fis-sular t'isfel ngħatat lura wara talba mis-surmast minħabba nuqqas ta' spazju għat-tfal fl-iskola.[31] Barra minn hekk f'Ottubru 1941 kienu saru arranġamenti sabiex xi klassijiet jittieħdu f'dar privata, numru 29 Triq il-Knisja.[32] It-tfal minn San Lawrenz li kienu imorru l-iskola Primarja tal-Għarb bdew imorru fi skola f'San Lawrenz li nfetħet għalihom f'Marzu 1943.[33]

Fi żmien il-gwerra kien hawn l-iskarsezza tal-ikel iżda fl-Għarb billi kulħadd kellu l-bhejjem u r-raba ma tantx kien hawn ġuħ.[34] Iżda xorta kien hawn min kellu n-nuqqas tal-ikel. In-nanna tiegħi Nozzi (Anna Galea, omm ommi) tirrakkonta li kienet sejra mgħobbija b'ċurniena tqieq minn fuq il-Blata għad-dar tagħha fi Triq l-Isqof Molina n-naħa ta' Triq it-Trux, fl-Ave Maria (fix-xitwa u kien dalam) u kif waslet fejn tal-Ħamruna, raġel qabeż fuqha u pprova jeħdilha x-xkora. Hija baqgħet iżżommha u bdiet tgħajjat u hu ħarab mingħajr ma rnexxielu jisraqilha. Dan żgur li ma kienx każ iżolat.

Leli jgħid *'Niftakar sew il-Konvoj ta' Santa Marija. Konna reqdin l-Andar mnejn ninżlu għal ta' Nikol. Kulħadd kien jorqod fl-andrijiet biex ma jisirqulhomx il-qamħ. Missieri qajjimni biex juruni l-baħar mimli bil-vapuri u frejgati għaddejin fil-baħar qrib t'Għawdex kemm jista' jkun, fi triqthom lejn il-Port il-Kbir. Kienu jittajru l-balloons fuqhom biex l-ajruplani ma jkunux jistgħu jiddajvjaw fuqhom.*

Kienu hawn nuqqas kbir ta' fuel u l-użu tal-karozzi privati kien ristrett ħafna. Il-karozzi tal-linja tħallew jagħmlu rotot speċifiċi u bżonnjużi. John Borg li kien 'route manager' tax-xarabanks t'Għawdex qal lil Frank Bezzina li meta l-fuel skarsa sewwa f'April u Mejju 1942 mar minn jeddu għand l-Isqof Gonzi biex jitolbu jistax iwaqqaf is-servizz lejn is-Santwarju ta' Pinu biex jekonomiżża iżjed mil-fuel. L-Isqof aċċetta mal-ewwel u John Borg ċempel lid-Direttur tat-Trasport Captain Lewis biex jikkonferma dan. Il-Kaptan Lewis li kien protestant qallu li l-għajnuna tal-Madonna kienet essenzjali u r-rotta lejn ta' Pinu ma waqqfitx.[35] Fil-gwerra kien hawn 14 il-xarabank u waħda minnhom kienet ta' Tarċisju Debrincat (ta' Stangu) mil-Għarb li kien joqgħod numru 25 Triq il-Knisja.[36] Ċertu vetturi kummerċjali ħarġilhom permess speċjali biex ikunu jistgħu joperaw. Franġisk Tabone (tal-Gaber), kummerċjant li kien joqgħod 12 Triq il-Ġdida fl-Għarb ħariġlu permess ta' din ix-xorta.[37]

Leli jiftakar *'li kien ikun hemm ħafna suldati fit-toroq tar-raħal għax kienu stazzjonati f'diversi postijiet fosthom l-iskola. Darba suldat li kien qed jiekol iċ-ċikkulata fl-iskola tah żewġ biċċiet ċikkulata.*

*It-tfal tar-raħal kienu jilagħbu ta' suldati fiż-żmien il-gwerra u Nikol Cauchi li wara sar Isqof t'Għawdex dejjem kien ikun il-ġeneral jew il-kmandant. U Ċisju ta' Fittet li missieru kien mastrudaxxa kien jagħmlilhom l-azzarini tal-injam. It-tfal kienu jgħaddu fit-toroq tużżana tużżana*

*jimmarċjaw fit-toroq bl-azzarini tal-injam f'idejhom.'*

F'Għawdex 'Il-Victory Kitchens' damu ma nfetħu.[38] Bdew jinfetħu fis-Sajf tal-1942 u sas-17 t'Awwissu ta' dik is-sena kull raħal kellu Victory Kitchen.[39] Il-persuna inkarigata minnhom f'Għawdex kien John Pace Axiaq. Leli Galea qalli li *'l-Victory Kitchen tal-Għarb kienet kif tibda l-pjazza fil-garaxx fejn illum hemm Tas-Sajf Discount Store*. U mbagħad qalli kif kienu jkantaw:

*'Patata u għaġin*
*Fażola u Sardin*
*Tal-Victory Kitchen*

*Saqajhom ħoxnin*
*Għax jieklu l-għaġin*
*Tal-Victory Kitchen'*


*Figura 9. Ġużepp Cauchi (Ħajr David Apap Agius)*

Ikompli jgħid li *'L-ikel kien skars; kwart u nofs ħobż kull persuna. Kollox bir-razzjon. Imbagħad qabeż l-isqof Gonzi u għamel appell lill-bdiewa biex jagħtu l-qamħ. Missieri kien tahom xi ħaġa għax Gonzi kien qal li jekk ma jagħtux qamħ, Malta ser taqa' f'idejn l-għedewwa.*

Kien hawn ukoll ħafna black market *'Fl-eqqel tal-għaks kien hemm minn ibiegħ fula waħda (mhux miżwet) sold'.* Sold kien ċenteżmu t'euro tallum. Għal fula waħda f'dak iż-żmien kien prezz għali mmens.

Leli jiftakar li meta l-allejati kien ser jinvadu Sqallija l-baħar kien mimli bi bċejjeċ tal-baħar ta' kull daqs u għamla.

Leli jirrakonta li meta spiċċat il-gwerra *'għamlu dimostrazzjoni kbira fil-pjazza ta' quddiem il-knisja (tal-Għarb) u għamlu ħuġġieġa kbira u bdew jaħarqu l-iswastikas'*

## SULDAT MIL-GĦARB LI NQABAD PRIĠUNIER U NQATEL

Ġużepp Cauchi (Tan-Neriku) (Figura 9) twieled fit-3 ta' Jannar 1910 f'numru 81 Triq il-Knisja, Għarb, iben Ġorġ (li kien Pulizija) u Ġulja Mifsud mil-Qala.[40] Kien wieħed minn ħames ulied; ħutu kienu Neriku, Manwel, Filippu u Mari Tereż. Mar Adelaide l-Awstralja fl-10 ta' Jannar 1926 hekk kif għalaq is-sittax-il-sena. Għex għal xi żmien f'Innisfail, Queensland u wara ngaġġa suldat fl-Australian Army.[41] Ġużepp Cauchi kien private mas-2/15th Australian Infantry Battalion[42] u flimkien ma suldati oħra Awstraljani, oħrajn Ingliżi u New Żelandeżi ġew trasferiti fil-Greċja mil-Afrika ta' Fuq f'Marzu 1941 biex jiġġieldu kontra l-Ġermaniżi. L-armata tal-allejati taħt il-kmand tal-Ġeneral Henry Maitland Wilson kienet iffurmata minn 56,657 suldat.[43] Din l-armata fl-20 t' April 1941 ġiet imrekkna f'Thermopylae u Wilson ma kellux triq oħra ħlief evakwazzjoni tat-truppi li seħħet bejn l-24 t'April u t-2 ta' Mejju. F'dan iż-żmien qasir ġew evakwati 43,000 truppi lejn Kreta u l-Eġittu. Madwar 11,000 suldat waqgħu priġunieri f'idejn il-Ġeneral Ġermaniż Fieldmarschall Wilhem List fosthom Ġużepp Cauchi li kellu 31 sena u ttieħed fil-Kamp ta' Sachsenhausen qrib Berlin.[44] Skont il-kitba uffiċċjali fl-Awstralja, Cauchi miet fil-Ġermanja '*due to illness*' [45] u fl-arkivju tal-Parroċċa tal-Għarb hemm li miet f'infermerija fil-Ġermanja iżda Frank u Charles Bezzina huma konvinti li safa maqtul mat-tieni attentat li għamel biex jaħrab mil-kamp Ġermaniż.[46] Is-sorsi kollha jaqblu li miet fl-4 ta' Settembru 1944. Indifen il-Ġermanja.

Il-ftietaq ma jonqsux. Fil-31 ta' Lulju 1940, fl-4.00pm, il-pulizija tal-għassa tal-Għarb kien barra biex iwassal messaġġ lil xi ħadd. X'ħin kien barra ċempel it-telefon tal-għassa u Ġużepp Mizzi li kien inkarigat biex jgħatti s-sinjal tal-ħbit mil-ajru wieġeb it-telefon u fehem li ser ikun xi ħbit u għalhekk spara l-murtal bħala sinjal tal-ħbit. Ma kienx fehem sewwa għax il-ħbit ma seħħx.[47]

Hawn fl-Għarb kien hawn magna tat-tħin f' numru 9 il-Fgura propjeta ta' Mikiel Portelli.[48] Kellu jaħdmu miegħu lil ibnu Ġużepp u r-raġel tat-tifla tiegħu Toni Formosa. Hekk kif bdiet il-gwerra twaqfilha l-permess li taħdem għaliex ma kinitx immoderniżżata.[48] It-tfal ta' Mikiel stqarru ma Frank Bezzina li fil-gwerra qatt ma ħadmet ħlief darba meta l-Gvern bagħat trakk qamħ biex jintaħan għandhom. Qalu ukoll lis-Sur Bezzina li sikwit kien imur għandhom uffiċċjal tal-gvern biex jaċċerta ruħu li ma kinitx qiegħda taħdem. Kellhom ukoll mitħna tal-mixi b'ġebla kbira mħaddma b'mutur mhux bil-bhima u din kienet tintuża biex titħan ful, ċikkarda, qamħirrum u ġulbiena għall-għalf tal-bhejjem. Fuq din ma kellhomx problem mil-gvern u għalhekk kienet tintuża ta' spiss.[48] Fil-25 ta' Novembru li għadda fuq inizjattiva tas-Sindku tal-Għarb David Apap Agius ġie inawgurat monument fil-pjazza ta' Santu Pietru, fl-Għarb[49] biex ifakkar lill-Private Ġużepp Cauchi u lil Kalanġ Mizzi mil-Għarb li tilfu ħajjithom b'konsegwenza diretta tat-Tieni Gwerra Dinjija (Figura 10).


*Figura 10. Il-Monument tal-Gwerra fl-Għarb.*

**Referenzi**

1. Boffa Charles. The Second Great Siege: Malta 1940-1943. Malta, 1970.
2. Bezzina Frank. F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra. Għawdex 1981, paġ. 128.
3. ibid paġ 129.
4. Arkivju Nazzjonali Għawdex, Public Works Book, Nru. 3/7 paġni 186-194.
5. Xelters Privati. Berqa, 30 t'April 1941, paġ. 2
6. Boffa Charles. The Second Great Siege: Malta 1940-1943. Malta, 1970.
7. Arkivju Nazzjonali Għawdex, Għarb Boys Primary School and Għarb Girls Primary School Logbooks.
8. General Dobbie Stirring address to the People of Malta. Times of Malta, 11 ta' Mejju 1940, paġ 6-7.
9. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ 376.
10. Il-Korp tal-Kuntistabblijiet Speċjali. Berqa 20 ta' Mejju 1940, paġ 6.
11. Bezzina Frank. F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra. Għawdex 1981, paġ. 41-45.
12. Arkivju Għassa tal-Pulizija, ir-Rabat Għawdex , Gozo District Detail Book 27.07.1940 – 28.10.1940.
13. ibid.
14. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ 385.
15. ibid paġ 389-391.
16. Arkivju Nazzjonali Għawdex, Public Works War Book, Nru. 3 paġni 92-3.
17. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ 216.
18. Apap Koli. Korrispondenza. Il-Berqa 23 Lulju 1940, paġ 2.
19. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ 236.
20. Apap Koli. Korrispondenza. Il-Berqa 28 Jannar 1941, paġ 4.
21. Apap Koli. Korrispondenza. Il-Berqa 23 Mejju 1941, paġ 2.
22. Arkivju Nazzjonali Għawdex, 1/Dipartiment tal-Pulizija 257, Okkorrenza Nru. 737.
23. ibid. Okkorrenza Nru. 763.
24. Reġistru Pubbliku tal-Mwiet, Għawdex 1942/564.
25. Arkivju Nazzjonali Għawdex, 1/Dipartiment tal-Pulizija 257, Okkorrenza Nru. 737.
26. Calleja Toni. 'L-Għasri u t-Tieni Gwerra Dinjija'. Korpus, 1993, paġ. 70.
27. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ. 103.
28. Arkivju Nazzjonali Għawdex, 1/Dipartiment tal-Pulizija 256, Okkorrenza Nru. 64
29. Arkivju Nazzjonali Għawdex, 1/Dipartiment tal-Pulizija 256, Okkorrenza Nru. 2986.
30. Għarb School Primary School Log book (25 March 1942).
31. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ. 227
32. ibid.
33. Gauci Anton. Pajjiżi taħt l-Ingliżi, Għawdex 1993, paġ 123.
34. Bezzina Charles. Meta Karbet is-Sirena. Intervista ma Tarċisju Galea mil-Għarb, Għawdex 2003, paġ. 33.
35. Bezzina Frank. F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra. Għawdex 1981, paġ. 98.
36. ibid paġ. 99
37. ibid paġ. 101.
38. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ. 342.
39. Tqassim tar-Razzjon tat-Trab tal-Ħalib. Il-Berqa, 15 ta' Lulju 1942 paġ 4.
40. Arkivju tal-Parroċċa tal-Għarb. Reġistru tat-Twelid (1910-1922).
41. Bezzina Charles. Il-Vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra. Għawdex 2006, paġ 42.
42. https://www.awm.gov.au/collection/R1710506 (aċċessat fis-27 ta' Diċembru 2018.
43. Bezzina Charles. Meta Karbet is-Sirena. Għawdex 2003, paġ 111.
44. ibid.
45. https://www.awm.gov.au/collection/R1710506 (aċċessat fis-27 ta' Diċembru 2018.
46. Bezzina Frank, Bezzina Charles. Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Għawdex 2000, paġ. 458-459.
47. ibid. paġ. 171.
48. Bezzina Frank. F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra. Għawdex 1981, paġ. 158.
49. https://www.timesofmalta.com/articles/view/20181202/gozo/new-monument.695728 (aċċessat 27 ta' Diċembru 2018).

**Ringrazzjament:** Nixtieq nirringrazzja mil-qalb lil Leli Galea, z-ziju tar-rispett tiegħi li għinni ferm bl-informazzjoni li tani biex inkun nista' nikteb dan l-artiklu.





## *Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel użu minnhom!!!*

## *Services offered by l-Għarb Local Council. Make use of them!!!*



L-Uffiċju tal-Kunsill Lokali l-Għarb ikun miftuħ għall-pubbliku:

**Fix-Xitwa:**
- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-3pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

**Fis-Sajf:**
- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-12.30pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

Il-pubbliku in ġenerali b'mod partikolari r-residenti ta' l-Għarb jistgħu jaslu wasla sa dan iċ-ċentru ċiviku fejn jistgħu jinqdew minn ħafna servizzi taħt saqaf wieħed.

Ir-residenti huma mistiedna sabiex jgħaddu l-ilmenti / suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill billi jirrikorru l-uffiċju jew iċemplu fuq 21560556 jew permezz ta' l-email fuq gharb.lc@gov.mt. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jgħin lir-residenti fejn hu possibli u bl-aħjar mod possibli. Apparti dan, il-Kunsill joffri wkoll għadd ta' servizzi oħra fosthom dawn segwenti:

The offices of the l-Għarb Local are open for the public:

**In Winter:**
- Monday to Friday between 8.00am and 3pm
- Saturday between 8.15am and 11.15am

**In Summer:**
- Monday to Friday between 8.00am and 12.30pm
- Saturday between 8.15am and 11.15am

The general public, in particular the Għarb residents can come visit this civic center where they can avail of many services under one roof.

The residents are invited to present their complaints / suggestions to the Council either by calling personally or by phone on 21560556 or email on gharb.lc@gov.mt. The Council takes care in doing everything possible to help the residents when and in the best possible way. Apart from this the Council also offers other services as follows:-

Servizz ta' **Librerija Pubblika** fejn kullħadd qed jiġi mistieden jasal wasla sal-librerija li tinsab ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku u jissellef kotba tal-qari jew jagħmel xi riċerki minn fuq kotba ta' referenza. Meta wieħed jissieħeb ma' din il-librerija ikun jista' jsib għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba tat-tfal sa kotba għall-adulti non-fiction kif ukoll fiction. Żgur li wieħed isib ktieb / kotba ta' interess għalih. Ħinijiet tal-ftuħ:
- It-Tlieta mit-8.30am san-12.30pm
- Is-Sibt mit-8.30am sal-11am



Service of **Public Library** where everyone is welcome to visit the library which is located within the Civic Centre and borrow books or even make a research from reference books. When one becomes a member of the library, he/she can choose from a number of books available which vary from children books to adult books fiction and non fiction ones. Opening hours:
- Tuesday from 8.30am – 12.30pm
- Saturday from 8.30am – 11am

Servizz ta' **WIFI** li huwa miftuħ għall-pubbliku in ġenerali. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Din tippermetti li min ikollu l-laptop / mobile tiegħu ikun jista' jaċċedi wkoll għal dan l-WIFI b'xejn.




**WIFI** Service which is open to the general public. This service is being offered free of charge. Residents can bring their laptop/ mobile phone and connect for free to this WIFI service.

Servizz ta' **Ġbir ta' Skart Domestiku, Skart Organiku u Skart għar-Reċiklaġġ** li jiġi offrut skond l-iskeda segwenti s-sena kollha:-



**Refuse Collection Service** is offered to the Gharb residents all year through as per below schedule:-






*Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema' tal-ġbir fejn huwa mportanti li meta joħorġu l-iskart, dan iħalluh wara l-bieb ta' darhom u f'ebda post ieħor. Fuq xi problema dwar il-ġbir tal-iskart, ġentilment mitlub sabiex jirrikorri jew iċempel lill-Kunsill u jispjega l-problema tiegħu.*

*The Council would like to request the resident's attention that refuse is to be left in front of the resident's household before the mentioned time. Residents who incur any problems are kindly requested to contact the Council and explain the situation.*

Servizz ta' **Reċiklaġġ** offrut 24 siegħa kuljum. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha jipparteċipaw fis-sistemi tar-reċiklaġġ li għandna disponibbli fil-ġurnata tal-lum. Apparti l-ġbir ta' kull nhar ta' Tlieta bieb bieb, il-Kunsill għandu ukoll bins għar-reċiklaġġ tal-

- karti
- metal
- plastic
- ħġieġ
- ħwejjeġ
- skart elettroniku żgħir

li jinsabu fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-Iskola Primarja kif ukoll bin ieħor żgħir għall-ġbir ta' batteries li jinsab ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill. Huwa mportanti li kull wieħed u waħda minnha ngħinu lill-Ambjent ta' madwarna billi nagħtu s-sehem tagħna f'dawn l-inizjattivi.



The Council also offers a 24-hour service of **Recycled Refuse** through bins which are located near the school gate. These bins are for:

- glass
- metal
- plastic
- papers
- clothes
- small electrical refuse

Another small bin for the recycling of batteries is found at the Council's offices. *It is important that all residents participate and give their contribution towards this ecological initiative.*

**Kuntatt ta' fejn wieħed għandu iċempel meta ikun f'każ ta' kollużjoni : 21320020.**



**One is requested to call on 21320020 in case of a collision accident.**

Servizz ta' **Open Skip** liema servizz qiegħed jiġi offrut mill-Kunsill Lokali nhar ta' Sibt. Dan is-servizz huwa miftuħ għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart goff tagħhom ġewwa fih. Is-servizz matul is-sena 2019 ser jingħata fid-9.00am fi Triq Tumas Cassar fil-ġurnata tas-Sibt f'dawn id-dati segwenti: 12, 26 ta' Jannar, 16 ta' Frar, 2, 16, 30 ta' Marzu, 13, 27 ta' April, 4, 18 ta' Mejju, 8, 22 ta' Ġunju, 6, 20 ta' Lulju, 3, 17 u 31 ta' Awissu, 14 ta' Settembru, 5, 19 ta' Ottubru, 2, 16 ta' Novembru, 7, 21 ta' Diċembru.



**Open Skip** service is offered to the public on Saturday between 9.00am and 10.30am at Tumas Cassar Street. All residents who have any kind of bulky refuse can make use of this service. The service through the year 2019 will be provided on the following dates: 12th, 26th January, 16th February, 2nd, 16th, 30th March, 13th, 27th April, 4th, 18th May, 8th, 22nd June, 6th, 20th July, 3rd, 17th, 31st August, 14th September, 5th, 19th October, 2nd, 16th November, 7th, 21st December.

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża li wara li ġie sospiż is-servizz tal-ġbir tal-**iskart goff** bieb bieb mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika, l-Kunsill jipprovdi dan is-servizz bla ħlas lil residenti. Kull min ikollu bżonn ta' dan is-servizz huwa ġentilment mitlub sabiex iċempel l-Uffiċju tal-Kunsill fuq 21560555 u jibbukja dan is-servizz.

Il-Kunsill jaċċetta wkoll **Ħlasijiet** ta' diversi servizzi fosthom:

- **ħlas ta' liċenzji tal-ħwienet**
- **ħlas tal-multi**
- **ħlas ta' raba' tal-Gvern**
- **ħlas ta' permessi**



Apart from this service another related service is that of **Bulky Refuse** Service. L-Gharb Local Council would like to notify that after suspension of bulky refuse service by the Public Cleansing Department, the Council is offering this service to the residents free of charge. Anyone needing this service is kindly requested to contact the Local Council on 21560556 and book this service.

The Council accepts **Payments** for various services such as:

- **Shop Licenses**
- **Contraventions**
- **Government Land Rent**
- **issuing of various permits**

Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalita' huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom fosthom tombla u ħafna aktar...



Another service offered by the Council that is given the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them such as tombola and much more....

Servizz ieħor mill-Kunsill huwa l-**Manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**. Dan is-servizz jinkludi fih id-dwal tat-toroq li huma mwaħħlin mal-ħajt u li l-manutenzjoni tagħhom issir minn kuntrattur tal-Kunsill. Id-dawl l-ieħor tat-triq li huma bozoz imwaħħla ma' arbli, dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta. Ir-residenti xorta waħda huma mħeġġa sabiex kull rapport isir il-Kunsill u fejn hu possibli għandu jiġi nnotat ukoll in-numru li jkun hemm imwaħħal mal-bozza. Kull bozza għandha fil-fatt numru għaliha u sabiex ma jkunx diffiċli huwa mportanti li r-rapport tal-ħsara issir permezz ta' dan in-numru.



Another service offered by the Council is that of **Street Lighting Maintenance**. A private contractor is responsible for the maintenance of all lights fixed to houses. The other street lighting such as lamps fixed to poles are maintained by the Enemalta Corporation. In both cases the residents are kindly requested to contact the Council and give details about the not functioning lamps or intermittent lamps. It is advised that where possible, residents take note of the lamp number fixed to every lamp so that the report is as accurate as possible.

# Children's Corner

## *Egg Box Chinese Dragon*



Isn't this Chinese dragon magnificent! The kids can make him with egg boxes and other scraps from the craft cupboard, and he will be a fantastic part of your Chinese New Year study or celebrations.

**You will need:**
- 2 Egg boxes
- Paint
- coloured paper
- Glue
- Tissue paper
- Pens
- Stapler

**Instructions:**
Paint the egg boxes in brightly coloured paint. When the paint is dry, cut out two of the egg compartments from one of the boxes and glue these to the lid of the other egg box the form the eyes (see the photo below).

Cut a mane, eyes, nose, mouth and other decorations from coloured paper. Glue these on to your dragon's head.

Draw some scales on the tissue paper. Finally staple the tissue paper to the back of the head to form the tail of your dragon.







# RIĊETTI



Liza Frendo

## ĦUT BIL-KREMA U L-PATATA

***Ikollok Bżonn:***

- 375g Ħut bla xewk. Tonn jew Lampuki sewwa
- 3 patatiet kbar qodma mqatta' slices irqaq
- Bajda mħabbta
- 300ml krema friska
- ¼ ta' kuċċarina nutmeg
- Kikkra ġobon maħkuk

***Kif tagħmel:***

1. Għolli l-ħut għal 3 minuti u saffi.
2. Poġġi nofs il-patata ġo dixx tal-forn li tkun dlikt bil-butir, ferrex il-ħut fuq il-patata u l-bqija tal-patata fuq il-ħut.
3. Issa ħallat flimkien il-krema, bajda mħabbta u n-nutmeg u ferrex fuq il-patata. Ferrex ukoll il-ġobon maħkuk.
4. Aħmi ġo forn moderat għal 40 minuta jew sa ma' tarah qiegħed jiħmar.

Servi 4 persuni



## ĦUT BIL-MUSTARDA



***Ikollok Bżonn:***

- 4 ħutiet (1 għal kull persuna)
- Ftit dqiq
- 30g butir
- Zunnarija żgħira
- Qara balija żgħira
- 40 werqa tal-ispinaċi
- 15g butir
- Basla żgħira mqatta' rqiqa
- Kikkra ilma
- Dada tal-ħaxix
- Kuċċarina mustarda
- 2 kuċċarini corn flour
- Ftit ilma

***Kif tagħmel:***

1. Gerbeb il-ħut fid-dqiq.
2. Saħħan il-butir ġo taġen kbir u aqli l-ħut għal 5 minuti.
3. Qatta' z-zunnarija u l-qara bali fi strixxi rqaq u għalli għal ftit minuti. Saffi mill-ilma.
4. Saħħan il-butir (15g) ġo kazzola żgħira għal 2 minuti. Żid il-basla mqatta' u sajjara sa ma' tirtab.
5. Żid l-ilma, d-dada u l-mustarda. Sajjar sa ma' jibda jagħli.
6. Issa ħallat il-ftit ilma u l-cornflour u żidu maz-zalza u sajjar sa kemm iz-zalza tibda tagħqad.
7. Servi l-ħut biz-zalza fuqu.

## COCONUT SLICE

***Ikollok Bżonn:***

Base:

- 125g butir
- Nofs kikkra zokkor ismar
- Kikkra plain flour

Topping:

- Żewġ bajdiet
- Żewġ kuċċarini vanilla
- Kikkra zokkor ismar
- Żewġ mgħaref self raising flour
- Kikkra coconut
- Kikkra ġewż mfarrak

***Kif tagħmel:***

Idlek turtiera ta' 19cm x 29cm bil-butir.

1. Ħabbat flimkien il-butir u z-zokkor bil-mixer ta' l-electric sa ma' jiġu magħqudin u ħfief. Żid id-dqiq u ħabtu sewwa.
2. Itfa' din it-taħlita ġo turtiera u rossa sewwa. Aħmi f'forn moderat għal madwar 15 il-minuta.
3. Xħin dan ikun lest ippepara it-topping.
4. Ħabbat il-bajd u l-vanilla flimkien bil-mixer sa ma' jagħqdu flimkien. Żid iz-zokkor u erġa' ħabbat sewwa. Żid id-dqiq, coconut u l-ġewż imfarrak u ħawwad sewwa.

Din ir-riċetta ddum biss għal tliet t'ijiem.



# 2018 Mid-Djarju tal-Kunsill



**18 ta' Jannar – Ġiet organizzata ħarġa għal Belt Valletta fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-Valletta 18. Waqt din iż-żjara żaru s-Suq tal-Belt, Wirjiet, Kunvent tal-Franġiskani u kellhom ħin ukoll għax-'shopping'. Kellhom ukoll ikla ta' nofs inhar ġewwa The Circle's Bar & Restaurant.** *18th January - An outing was organised to Valletta on the occasion of the official opening of Valletta 18. The group visited the new market - 'Suq tal-Belt', Exhibitions, the Franciscans convent and they also had time for shopping. Lunch was also provided at the Circle's Bar & Restaurant.*



**4 ta' Frar – Ittellgħet attivita' tal-Karnival ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Waqt l-attivita' ipparteċipaw diversi gruppi taż-żfin b'temi differenti tal-Karnival, Maskli Grotteski kif ukoll daqq minn Banda Brażiljana. Il-Kunsill qassam popcorn, prinjolata u mulled wine lil dawk kollha preżenti.** *4th February - A Carnival activity was organised in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. There were spectacular shows by various Carnival Groups, Grotesque Masks and a Brazilian Band. L-Gharb Local Council distributed popcorn, prinjolata and mulled wine to all those present.*



**23 ta' Marzu – Saret laqgħa minn Marion Mizzi ġewwa s-sala tal-Kunsill.** *23rd March – A meeting was held at the Local Council Hall by Marion Mizzi.*

**22 u 23 ta' Marzu, 2018 – Ġie organizzat kors tal-melħ lir-residenti minn artista Taljana Valentina Mammana ġewwa s-sala tal-Kunsill.** *22nd – 23rd March, 2018 – A course in salt art was held by an Italian artist Valentina Mammana at the Council Hall.*



**25 ta' Marzu – Ġie installat disinn kbir bil-melħ fi Pjazza taż-Żjara tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesu' mill-artista Valentina Mammana u l-Grupp Infjoraturi Għarb.** *25th March – A large salt design of the Sacred Heart of Jesus was installed at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna by artist Valentina Mammana and Grupp Infjoraturi Għarb.*



**27 ta' Marzu – Saret il-preżentazzjoni tar-roti tal-elettriku bħala parti mill-European Mobility Week ġewwa l-Kunsill Lokali l-Għarb.** *27th March – A presentation of the electric bikes was held as part of the European Mobility Week 2018 at l-Għarb Local Council.*



**28 ta' Marzu – Ġiet organizzata ħarġa kulturali ġewwa Malta għar-residenti. Waqt din il-ħarġa żaru r-Redentur tal-Isla kif ukoll l-Arka ta' Noe – park tal-annimali fejn kellhom ukoll l-ikla.** *28th March - A cultural outing in Malta was organised for the residents. The outing*

*included in a visit to the Redeemer in Isla and l'Arka ta' Noe – an animal park where they also had lunch.*



**27 ta' April – 1 ta' Mejju – Sar l-ewwel skambju taħt il-proġett Small Towns Big Results ġewwa l-Italja, San Polo dei Cavallieri.** *27th April – 1st May – The first exchange under the project Small Towns Big Results was held in Italy at San Polo dei Cavallieri.*



**17 ta' Mejju – Sar iż-żwieġ bejn Anouk Stas minn Antwerp u Bart Vranken Wijshagen minn Limburg fis-sala tal-Kunsill Lokali l-Għarb. Iċ-ċerimonja kienet immexxija mis-Sindku David Apap Agius.** *17th May – A wedding ceremony was held at l-Gharb Local Council hall between Anouk Stas from Antwerp and Bart Vranken Wijshagen from Limburg. The ceremony was conducted by Mayor David Apap Agius.*



**20 ta' Mejju – Ġew organizzati diversi attivitajiet ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna bħala parti mill-Gozo Alive. Fost l-attivitajiet ġiet installata infjorata tal-melħ bil-logo tal-Gozo Alive mill-Grupp Infjoraturi Għarb.** *20th May – Several activities were organised at Għarb Square as part of Gozo Alive. The activities included the installation of a salt infiorata with Gozo Alive logo.*



**25 ta' Mejju – Ġie mniedi u nawgurat proġett li kien jikkonsisti fi twaħħil ta' siġar, bankijiet ġodda, bins għar-reċiklaġġ kif ukoll monument tal-musajk fit-triq ta' Wied il-Mielaħ. Dan il-monument sar bil-kollaborazzjoni mall-iskola Primarja l-Għarb, il-Kunsill Lokali l-Għarb u Learning About Forests (LEAF), mill-Ministru tal-Ambjent Jose' Herrera.** *25th May - Inauguration of a new project which consisted in the planting of new trees, new benches, recycle bins and a mosiac monument in Wied il-Mielaħ street. This project was carried out with the collaboration of Gozo College Għarb Primary School, Għarb Local Council and Learning About Forests (LEAF), was inaugurated by the Minister for the Environment Jose' Herrera.*



**1 – 4 ta' Ġunju – Il-Grupp Infjoraturi Għarb flimkien mas-Sindku David Apap Agius ipparteċipaw waqt festival tal-Infjorata ġewwa Spanja f'La Garriga taħt id-direzzjoni ta' Michael Bajada għall-okkażjoni tal-Korpus Domini.** *1st – 4th June – The 'Group Infjoraturi Għarb' together with Mayor David Apap Agius participated during the Infiorata festival in Spain La Garriga under the direction of local artist Michael Bajada for the occasion of the Corpus Domini.*



**21 – 24 ta' Ġunju – Il-Grupp Infjoraturi Għarb flimkien mas-Sindku David Apap Agius kellhom esperjenza oħra ġewwa Spanja din id-darba f'La Sierra għall-Kungress Internazzjonali.** *21st – 24th June – The 'Grupp Infjoraturi Gharb' along with the Mayor David Apap Agius had yet another experience in Spain this time in La Sierra for the International Congress.*

**29 ta' Lulju – Għas-17 il-sena konsekuttiva l-Kunsill organizza l-attivita' annwali tal-Infjorata waqt il-festa tar-raħal bil-parteċipazzjoni mall-Kumitat Festi Esterni u l-voluntiera kollha.** *29th July – For the 17th consecutive year, l-Għarb Local Council organised the Infiorata during the locality feast with the partecipation of the Gharb Feast Committee and all the volunteers.*



**24 ta' Lulju – Saret laqgħa ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali mas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' erba' għaqdiet lokali li bbenifikaw minn skema ta' għajnuniet mogħtija mill-Kunsill Lokali l-Għarb.** *24th July – A meeting was held at the Local Council hall by the Mayor and Executive Secretary with four local committees that benefited from a scheme provided by l-Gharb Local Council.*

**Awissu – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Valletta 18 organizza kors tal-fotografija 1001 Dreams.** *August – L-Għarb Local Council with the collaboration of Valletta 18 organised a 1001 Dreams Photography Course.*

**15 – 18 ta' Awissu – Il-Grupp Infjoraturi Għarb flimkien mas-Sindku marru ġewwa Brussel biex jieħdu sehem fil-Festival Internazzjonali tal-Infjorata "Brussels Flower Carpet" bid-disinn minn Michael Bajada fuq tema tal-UNESCO li kien jinkludi s-swar taċ-Ċittadella.** *15th – 18th August – The Grupp Infjoraturi Għarb along with the Mayor went to Brussels to participate in the International Infiorata Festival "Brussels Flower Carpet". The design which was created by Michael Bajada had a UNESCO theme and included the fortification of Citadel.*



**21 -25 ta' Awissu – Sar it-tieni skambju bħala parti mill-Proġett Network of Towns – Small Towns, Big Results ġewwa Dobris Prague.** *21st – 25th August – The second cultural exchange was held in Dobris Prague as part of the Project – Network of Towns – Small Towns, Big Results.*



**29 ta' Awissu – Għal okkażjoni ta' Jum l-Għarb il-Kunsill organizza ħarġa bit-train għat-tfal. Żaru l-Għadira ta' San Raflu kif ukoll ic-Citadel cinema fejn intwerew film Gozo 360 u ngħataw lunch ġewwa ċ-Ċittadella.** *29th August – An outing for children was organised on the occasion of Għarb Day. They visited San Raflu Pond and later the Citadel Cinema where the film Gozo 360 was shown. They were then given lunch at the Citadel.*



**29 ta' Awissu – Ġiet organizzata ċelebrazzjoni ta' Jum l-Għarb. Il-Programm inkluda quddiesa ta' ringrazzjament, tpoġġija ta' kuruni quddiem il-monument tal-Isqof Mikiel Molina, siltiet mużikali mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni, kant minn talenti lokali, talent show bil-parteċipazzjoni tas-Summer Club tal-parroċċa kif ukoll tqassim ta' ċertifikati u rikonoxximenti. Premju Għarb ġie mogħti lill-ewwel tlett Sindki tal-ewwel legislatura Louis Apap, Maurice Cauchi u Alfred Cauchi, Premju Qlub Ġenerużi lil Elizabeth Farrugia, Premju Volontarjat Lokali lil Eugenio Portelli, Premju Għarb Gozitan Cultural Award lil Natalie Sciortino u Personal Achievement Award lil Gabriel Parnis, Matthew Aquilina u Julia Cini.**








*$29^{th}$ August – Għarb Day celebration. The program included a Thanksgiving mass, laying of wreaths in front of Bishop Mikiel Molina monument, music by Ghaqda Mużikali Viżitazzjoni, songs by local talents, talent show with the participation of Gharb Parish - Summer Club and also distribution of certificates to graduates and Awards. Gharb Award was presented to the first three Mayors of the first legislation - Louis Apap, Maurice Cauchi u Alfred Cauchi, 'Qlub Generuzi' Award to Elizabeth Farrugia, 'Volontarjat Lokali' Award to Eugenio Portelli, Gharb Gozitan Cultural Award to Natalie Sciortino and Personal Achievement Award to Gabriel Parnis, Matthew Aquilina and Julia Cini.*

**19 ta' Settembru – Ġiet organizzata ħarga kulturali ġewwa Malta għall-familja kollha. Grupp sabiħ ta' residenti flimkien mas-Sindku żaru l-monti ta' Birkirkara, marru Harbour Cruise minn Tas-Sliema u fl-aħħar għalqu l-gurnata billi żaru l-Kitchen Garden fejn hemm hekk kellhom ukoll ikla.** *$19^{th}$ September - A cultural outing in Malta for all the family was organized by the Council. A number of residents along with the Mayor visited Birkirkara open market, went on a Harbour Cruise from Tas-Sliema and then they visited the Kitchen Garden where they also had lunch.*



**22 ta' Settembru – Għal sena oħra l-Kunsill rega' ħa l-inizjattiva u organizza diversi attivitajiet bħala parti mill-European Mobility Week bit-tema 'Mix and Move' ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.** *$22^{nd}$ September - L-Għarb Local Council once again took the initiative and organised several activities as part of European Mobility Week 2018 with the theme 'Mix and Move' at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.*



**28 ta' Settembru – 10 ta' Ottubru – Bħala parti mill-grupp Infjoraturi Għarb, is-Sindku David Apap flimkien mall-Kunsillier Emanuel Muscat attendew għall-Infjorata internazzjonali ġewwa Uriangato l-Mexico.** *28th September – 10th October - As part of the "Grupp Injoraturi Għarb" the Mayor David Apap and Councillor Emanuel Muscat attended for the International Infiorata in Uriangato Mexico.*



**19 – 21 ta' Ottubru – Ġie organizzat l-ewwel edizzjoni ta' 'The International Kite and Wind Festival' fil-limiti ta' San Dimitri.** 19 – $21^{st}$ October – The First edition of 'The International Kite and Wind Festival' was organised in the area of San Dimitri.





**22 – 25 ta' Ottubru – Bħala parti minn proġett ta' Network of Towns, is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera marru r-Rumanija fejn attendew għall-kors fuq 'team building'.** *$22^{nd}$ – $25^{th}$ October – As part of a Network of Towns project, the Mayor along with the councillors went to Romania and attended to a 'team building' course.*



**1 – 4 ta' Novembru – Saret it-tielet attivita' tal-proġett 'Network of Towns – Small Towns, Big Results' ġewwa Porto, Portugal. Diversi residenti mill-Għarb u minn Għajnsielem flimkien mas-Sindku u delegazzjonijiet mill-Italja, Repubblika Ċeka u l-Portugal ingħaqdu flimkien**

**għal diversi laqgħat u workshops waqt din l-attivita'.** *1st – 4th November – L-Għarb Local Council together with a number of residents from Għarb and Għajnsielem participated in the 3rd activity of the Project 'Network of Towns – Small Towns, Big Results' in Porto, Portugal where together with delegations from Czech Republic, Portugal and Italy attended to meetings and workshops.*



**23 ta' Novembru – Saret l-ewwel edizzjoni tal-Proġett "Myths, Folklore and Legends Festival" fl-Għarb bl-Opra "Qasba Żejt" ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.** *23rd November - The first edition of the festival "Myths, Folklore and Legends Festival" with the Opera "Qasba Żejt" was organised at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.*





**24 – 25 ta' Novembru – Ġie organizzat it-tieni edizzjoni tal-festival "Make Music Great" u l-egħluq tal-proġett mill-Kunsill Lokali l-Għarb – Network of Twinned Towns – Small Towns, Big Results.** *24th – 25th November - The second edition of the festival "Make Great Music" and the closure of l-Għarb Local Council Project - Network of Twinned Towns - Small Towns, Big Results were held.*





**22 ta' Diċembru – l-E.T. Marie Louise Coleiro żaret ir-raħal tagħna bħala parti mill-kampanja tal-Istrina 2018 ġewwa s-sala tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni fejn indaqqu melodiji tal-Milied minn orkestrina ġdida mil-lokalita'. Waqt din l-attivita' saret il-preżentazzjoni tad-donazzjonijiet tal-Istrina kif ukoll l-iffirmar tal-ktieb 'A History of Għarb' minn Patrick Formosa l-awtur tal-ktieb kif ukoll mill-President ta' Malta.** *22nd December – H.E. Marie Louise Coleiro Preca visited our locality as part of the Community Chest Fund 2018 at the Band Club Hall. Several melodies where played by a new local small orchestra during this event. There was also a presentation of donations in aid of the Community Chest Fund and the signing of the book 'A History of Għarb' by the author Patrick Formosa and the President of Malta.*





**23 ta' Diċembru – Wara l-kunċert imtella' mill-Parroċċa tal-Għarb, il-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali organizza festin għat-tfal fejn is-Sindku qassam ir-rigali mill-Kunsill Lokali Għarb.** *23rd December – After the concert held by the Għarb Parish, a party for the locality children was organised with the collaboration of Għarb Local Council. The Mayor disributed a gift from Għarb Local Council to the children.*

## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2017

| | € |
|---|---|
| **INCOME** | |
| Funds received from central government | 379,660.00 |
| Income from Local Enforcement System | 2,906.00 |
| General Income | 247,694.00 |
| | 630,260.00 |
| **EXPENDITURE** | |
| Personal emoluments | -82,113.00 |
| Operations and maintenance | -295,311.00 |
| Administration and other expenditure | -243,879.00 |
| | **-621,303.00** |
| Operating Deficit for the year | 8,957.00 |
| Investment income | 40.00 |
| Finance costs | -4,137.00 |
| **Total Comprehensive Income for the year/period** | **4,860.00** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| | € |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 3,219.00 |
| Repairs and upkeep | 17,335.00 |
| Signs and road markings | 2,641.00 |
| Office furniture and Equipment | 6,346.00 |
| Expenses in relation to EU Projects | 195,444.00 |
| Child Care centre costs | 26,610.00 |
| Planting of Trees | 16,224.00 |
| **Total** | **267,819.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection (including bins on wheels) | 18,370.00 |
| Bulky Refuse Collection (including open skips) | 3,274.00 |
| Road and Street Cleaning (mechanical and manual) | 1,535.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 3,459.00 |
| Cleaning and Maintenance of non-urban | 0.00 |
| Cleaning and Maintenance of council premises | 0.00 |
| Street Lighting | 475.00 |
| Other | 379.00 |
| | **27,492.00** |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **295,311.00** |
| **ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2017** | |
| Utilities | 12,374.00 |
| Materials and supplies | 12,178.00 |
| Rent | 3,155.00 |
| National and International memberships | 970.00 |
| Office Services | 7,732.00 |
| Transport | 3,402.00 |
| Travel | 8,550.00 |
| Information Services | 1,860.00 |
| Insurance | 6,094.00 |
| Professional Services | 19,893.00 |
| Community and Hospitatlity | 61,749.00 |
| Depreciation | 105,922.00 |
| | **243,879.00** |

MAPFRE
MIDDLESEA

COMPASS
Group Limited





MOTOR
MARINE
TRAVEL
HOME
BUSINESS
HEALTH

Contact us for your insurance needs.

JOSEPHCARUANA
COMPANY LIMITED

FRENDO AUTOMOTIVE